L-Erbgħa 6 ta' Lulju 2022

P9_TA(2022)0286

L-UE u d-difiża tal-multilateraliżmu

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-6 ta' Lulju 2022 dwar l-UE u d-difiża tal-multilateraliżmu (2020/2114(INI))

(2023/C 47/10)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra d-dokument bit-titolu "Viżjoni Kondiviża, Azzjoni Komuni: Ewropa Aktar b'Saħħitha – Strateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea" ppreżentat mill-ex Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, Federica Mogherini, fit-28 ta' Ġunju 2016,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kontribut tal-UE għall-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli (JOIN(2021)0003),

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill bit-titolu "Aġenda ġdida għal bidla globali bejn l-UE u l-Istati Uniti" (JOIN(2020)0022),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2021 dwar il-prijoritajiet tal-UE fin-NU matul is-76 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni tal-25 ta' Marzu 2020 dwar il-pjan ta' azzjoni tal-UE 2020-2024 dwar id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija (JOIN(2020)0005), b'mod partikolari l-kapitolu 3 tagħha ddedikat għall-promozzjoni ta' sistema globali għad-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija u s-sottokapitolu 3.1 tagħha dwar il-kooperazzjoni multilaterali, li toperazzjonalizza l-impenn tal-UE għal sistema multilaterali b'saħħitha għad-drittijiet tal-bniedem,

— wara li kkunsidra t-test rivedut tad-Dikjarazzjoni Politika li tistabbilixxi l-qafas għar-relazzjoni futura bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju Unit kif miftiehma fil-livell tan-negozjaturi fis-17 ta' Ottubru 2019,

— wara li kkunsidra l-pjan ta' azzjoni tal-UE dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà (WPS) 2019-2024, u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru (Gender Action Plan, GAP III) tal-25 ta' Novembru 2020,

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 2021 dwar il-prijoritajiet tal-UE fil-fora tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem fl-2021,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-2021 tas-Segretarju Ġenerali tan-NU bit-titolu "Our Common Agenda" (L-Aġenda Komuni Tagħna),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rwol tal-UE fil-promozzjoni ta' Sħubija Trans-Atlantika usa' ([1]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2020 dwar azzjoni koordinata tal-UE biex tikkumbatti l-pandemija tal-COVID-19 u l-konsegwenzi tagħha ([2]),

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2021 lill-Kunsill dwar il-75 u s-76 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-NU ([3]),

([1]) ĠU C 65, 19.2.2016, p. 120.
([2]) ĠU C 316, 6.8.2021, p. 2.
([3]) ĠU C 67, 8.2.2022, p. 150.

— wara li kkunsidra l-Istrateġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva tal-10 ta' Diċembru 2003 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2008 dwar il-linji ta' azzjoni ġodda mill-Unjoni Ewropea fil-ġlieda kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u s-sistemi ta' kunsinna tagħhom,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tal-21 ta' Ottubru 2021 lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà rigward ir-relazzjonijiet politiċi u l-kooperazzjoni bejn l-UE u t-Tajwan ([4]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-24 ta' Jannar 2022 dwar it-teħid tas-sħubija strateġika NU-UE dwar l-operazzjonijiet ta' paċi u l-ġestjoni ta' kriżijiet għal-livell li jmiss: Prijoritajiet għall-2022-2024,

— wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Pariġi għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima, adottat fit-12 ta' Diċembru 2015,

— wara li kkunsidra l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs),

— wara li kkunsidra r-Raba' Konferenza Dinjija dwar in-Nisa, li saret f'Beijing f'Settembru 1995, id-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni għat-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa adottati f'Beijing, u d-dokumenti ta' eżitu sussegwenti tas-sessjonijiet speċjali tan-NU Beijing + 5, + 10, + 15 u + 20 dwar azzjonijiet u inizjattivi ġodda għall-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni u l-Pjattaforma ta' Azzjoni ta' Beijing, adottati fid-9 ta' Ġunju 2000, fil-11 ta' Marzu 2005, fit-2 ta' Marzu 2010 u fid-9 ta' Marzu 2015, rispettivament,

— wara li kkunsidra l-Istrateġija Globali tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra t-Terroriżmu, adottata mill-Assemblea Ġenerali f'Settembru 2006, li dalwaqt se tiġi aġġornata,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 1325 (2000) tan-NU adottata mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU fil-31 ta' Ottubru 2000,

— wara li kkunsidra r-Riżoluzzjoni 65/276 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU adottata fit-3 ta' Mejju 2011 dwar il-parteċipazzjoni tal-UE fil-ħidma tan-NU,

— wara li kkunsidra l-erba' dikjarazzjonijiet konġunti tal-UE u tan-NU fl-Assemblea Ġenerali tan-NU f'Settembru 2018,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2018 dwar Sistemi ta' Armi Awtonomi ([5]),

— wara li kkunsidra l-ftehim qafas tad-29 ta' Settembru 2020 bejn l-Unjoni Ewropea u n-Nazzjonijiet Uniti għall-għoti ta' appoġġ reċiproku fil-kuntest tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet rispettivi tagħhom fuq il-post,

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-1 ta' Marzu 2022 dwar l-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna ([6]),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' April 2022 dwar il-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew tal-24 u l-25 ta' Marzu 2022, inklużi l-aħħar żviluppi tal-gwerra kontra l-Ukrajna u s-sanzjonijiet tal-UE kontra r-Russja u l-implimentazzjoni tagħhom ([7]),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin (A9-0172/2022),

A. billi l-ordni globali qed isir dejjem aktar instabbli, polarizzat u mfixkel minn aġendi u pożizzjonijiet ta' politika kompetittivi u mir-riskju dejjem akbar ta' frammentazzjoni regolatorja u ta' kompetizzjoni dwar standards regolatorji; billi d-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt qed jiġu mhedda dejjem aktar f'reġjuni differenti tad-dinja; billi d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u l-attivisti tas-soċjetà ċivili qed jiffaċċjaw għadd dejjem akbar ta' theddid u riskji għall-ħidma leġittima tagħhom;

B. billi l-ordni multilaterali nbena biex jiġu ffaċċjati u indirizzati l-isfidi ta' żmienna, bħall-ġuħ u l-faqar estrem, l-inugwaljanza, id-degradazzjoni ambjentali, il-mard, ix-xokkijiet ekonomiċi u l-prevenzjoni tal-kunflitti; billi saru avvanzi importanti, iżda f'dan l-aħħar deċennju osservajna rigress f'għadd ta' oqsma;

([4]) ĠU C 184, 5.5.2022, p. 170.
([5]) ĠU C 433, 23.12.2019, p. 86.
([6]) Testi adottati, P9_TA(2022)0052.
([7]) Testi adottati, P9_TA(2022)0121.

L-Erbgħa 6 ta' Lulju 2022

C. billi hemm bżonn li jiġġedded il-kuntratt soċjali u terġa' tinbena l-fiduċja;

D. billi f'Settembru 2015 il-pajjiżi kollha impenjaw ruħhom b'aġenda ambizzjuża dwar kif jindirizzaw l-isfidi globali flimkien, l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli;

E. billi, filwaqt li l-multilateraliżmu jibqa' l-aħjar sistema organizzattiva biex jissolvew l-isfidi globali, irid jiġi rikonoxxut li t-triq li twassal għall-implimentazzjoni effettiva qed tinħass iebsa;

F. billi d-dinja daħlet f'era multipolari ġdida b'potenzjal kbir ta' turbolenza, konfrontazzjoni u instabbiltà kkaratterizzati minn kompetizzjoni ġeopolitika kbira li tinvolvi theddid u kunflitti mhux tradizzjonali, bħall-attakki ibridi u ċ-ċiberattakki, il-gwerra ibrida u d-diżinformazzjoni, li spiss jiġru lil hinn mill-għajn pubblika, iżda għandhom implikazzjonijiet sinifikanti għas-sigurtà tal-UE u dik globali, u li ma għandniex għodod xierqa biex niġġildulhom u nirreaġixxu għalihom; billi hemm riskju ta' distakk bejn l-isfidi globali attwali u l-kapaċità tas-sistema multilaterali attwali li tipprovdi soluzzjonijiet effettivi u inklużivi;

G. billi fl-istess ħin, l-ordni globali qed jiffaċċja dejjem aktar kwistjonijiet u sfidi ta' politika li jirrikjedu azzjoni fil-livell internazzjonali, inkluż djalogu politiku globali effettiv, kooperazzjoni u konverġenza tal-pożizzjonijiet, sabiex jitfasslu soluzzjonijiet sostenibbli li jistgħu jwasslu għar-riżultati, għal azzjoni koordinata u għal standards komuni, fi ħdan ordni bbażat fuq ir-regoli li jwassal b'mod effettiv għal riżultati li jkunu fl-interess ta' kulħadd u li jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt; billi dawn l-istandards għandhom jikkontribwixxu għall-paċi, l-istabbiltà u l-iżvilupp sostenibbli internazzjonali; billi l-UE tappoġġja l-liġijiet u n-normi internazzjonali;

H. billi d-dinja saret aktar interkonnessa, u dan irendi lill-atturi fix-xena internazzjonali aktar interdipendenti u l-isfidi aktar kumplessi; billi l-problemi f'diversi livelli li jirriżultaw jirrikjedu azzjoni kollettiva, strutturi flessibbli u l-inklużjoni tal-partijiet ikkonċernati kollha;

I. billi l-ordni multilaterali attwali tnissel mill-ordni globali ta' wara l-1945, li mhux neċessarjament jirrifletti bis-sħiħ id-dinja tal-lum, meta jitqies li l-atturi globali attwali mhux kollha tqiesu kif xieraq fit-tfassil tal-arkitettura multilaterali;

J. billi l-politiki u n-normi globali dwar il-kontroll tal-armi, id-diżarm u n-nonproliferazzjoni tal-armi qed jiġu abbandunati u mdgħajfa fi żmien meta l-bejgħ tal-armi konvenzjonali qed jiżdied, il-livell ta' awtonomija tas-sistemi tal-armi qed jiżdied, u qed isiru investimenti f'armi ġodda ta' qerda massiva;

K. billi dejjem aktar qed jitqajjem dubju dwar il-multilateraliżmu bħala mezz paċifiku ta' organizzazzjoni tar-relazzjonijiet fost l-istati sovrani, parzjalment minħabba bidliet fis-sistema internazzjonali, pereżempju l-preżenza ta' atturi ġodda fix-xena globali u t-theddid ibridu li jirriżulta minnhom, it-tensjonijiet li jirriżultaw min-natura tal-istituzzjonijiet multilaterali u l-ħtieġa li l-istituzzjonijiet li ilhom deċennji sħaħ jiġu rinnovati kompletament, id-distakk dejjem jikber bejn l-opinjoni pubblika u l-istituzzjonijiet, iż-żieda fis-sentimenti kontra l-globalizzazzjoni, it-tnaqqis tas-setgħat ġeopolitiċi tradizzjonalment dominanti u t-tnaqqis sussegwenti tal-libertajiet u d-demokrazija globali; billi l-pandemija tal-COVID-19 u l-impatt bla preċedent tagħha fuq il-komunità internazzjonali rrinforzaw u aċċelleraw dawn il-bidliet; billi ninsabu fil-punt ta' era ġdida li qed thedded li tikkomprommetti aktar minn sebgħin sena ta' progress u paċi relattiva u tikkonsolida era ta' politika mmexxija bil-forza u li tistinka biex tikkomprommetti l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli u bbażat fuq il-liġi internazzjonali u l-istat tad-dritt, ir-responsabbiltà, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-diversità; billi l-għaqda ta' impulsi populisti nazzjonali, objettivi diverġenti u li qed jinbidlu u nuqqas ta' metodi ta' implimentazzjoni u responsabbiltà qed iġiegħlu lis-sistema multilaterali tiffaċċja tliet kriżijiet konnessi: kriżi ta' poter, ta' rilevanza u ta' leġittimità, li huma r-riżultat ta' nuqqas ta' rieda u koordinazzjoni politika, l-aktar fil-Punent;

L. billi l-kriżi tal-multilateraliżmu tista' tkun opportunità biex jerġa' jinbena kunsens dwar ordni internazzjonali bbażat fuq il-multilateraliżmu u l-istat tad-dritt permezz ta' kooperazzjoni, solidarjetà u koordinazzjoni effiċjenti; billi l-UE għandha tappoġġja inizjattivi mmirati lejn l-inkorporazzjoni tal-fehmiet tas-soċjetà ċivili fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet f'fora multilaterali bħal pereżempju, in-NU; billi l-UE għandha tippromwovi l-istabbiliment ta' Assemblea Parlamentari tan-Nazzjonijiet Uniti fi ħdan is-sistema tan-NU sabiex iżżid l-karattru demokratiku, ir-responsabbiltà demokratika u t-trasparenza tal-governanza globali;

M. billi l-multilateraliżmu jeħtieġ rivitalizzazzjoni rapida sabiex tiġi indirizzata din il-kriżi multidimensjonali u ta' ħafna aspetti; billi t-theddid għall-paċi u s-sigurtà, għal-libertajiet fundamentali u d-demokrazija, it-tibdil fil-klima, it-telf tal-bijodiversità, id-degradazzjoni ambjentali, il-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri, l-isfidi globali tas-saħħa pubblika, iż-żieda fil-protezzjoniżmu, id-diżinformazzjoni, l-indħil barrani, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-iżvilupp sostenibbli u l-approfondiment tal-faqar u tal-inugwaljanzi fil-livell globali huma wħud mill-isfidi urġenti li d-dinja qed tiffaċċja bħalissa; billi huwa biss permezz ta' ordni multilaterali rinforzat u ta' tmexxija politika li l-komunità internazzjonali tkun tista' ssib tweġibiet dejjiema u sostenibbli għal dawn l-isfidi u oħrajn fil-futur;

N. billi sabiex terġa' tagħti l-ħajja u tiddefendi l-multilateraliżmu, l-UE jeħtiġilha tgħin biex l-istituzzjonijiet multilaterali u l-organizzazzjonijiet internazzjonali jinżammu ħajjin u jiffunzjonaw, filwaqt li tfittex kooperazzjoni aktar profonda ma' sħab tal-istess fehma sabiex tiġġieled għall-valuri u l-interessi tagħha; billi dawn il-koalizzjonijiet se jinbidlu abbażi tal-kwistjonijiet u ma għandhomx jikkompromettu l-istituzzjonijiet eżistenti; billi l-UE għandha tistinka biex tibni koalizzjonijiet miftuħa aktar milli klabbs esklużivi; billi jeħtieġ li l-UE ssib modi ġodda biex tinvolvi ruħha ma' pajjiżi min-Nofsinhar Globali u li dan tagħmlu fl-istess livell magħhom, bħala sħab ugwali;

O. billi t-tibdil fil-klima u l-pandemija tal-COVID-19 urew l-importanza globali u l-preminenza politika tal-beni pubbliċi globali, bħal, fost l-oħrajn, l-aċċess għas-saħħa, l-arja nadifa u l-ilma nadif, l-ikel u riżorsi oħra, l-edukazzjoni, it-teknoloġija u ċ-ċiberspazju b'mod inklużiv, sigur u affidabbli; billi l-pandemija tal-COVID-19 fakkritna f'fatt ovvju: quddiem pandemija, il-katina tas-sikurezza tas-saħħa tagħna hija b'saħħitha biss daqs l-aktar sistema tas-saħħa dgħajfa; billi l-COVID-19 tkun fejn tkun hija theddida għan-nies u għall-ekonomiji kullimkien; billi l-aċċess għall-beni pubbliċi globali u r-risponsi ta' politika li jfittxu li jistandardizzaw u jespandu tali aċċess fil-pajjiżi u l-komunitajiet kollha jirrikjedu kooperazzjoni globali dwar l-objettivi, l-istandards komuni minimi u l-appoġġ attiv għall-pajjiżi u l-komunitajiet l-aktar vulnerabbli; billi dan jirrikjedi aġenda multilaterali effettiva ffukata fuq il-beni pubbliċi globali u strutturi ta' governanza li jirrinforzaw l-aċċess għal tali beni; billi d-djalogu politiku effettiv dwar l-aċċess għall-beni pubbliċi globali, kif ukoll il-kooperazzjoni u t-twettiq f'dan ir-rigward ma jistgħux u ma jridux jiġu diżakkoppjati taħt l-ebda ċirkostanza minn mal-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali u d-dinjità, kif ukoll it-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-persuni kollha, b'mod partikolari dawk l-aktar vulnerabbli; billi l-pandemija tal-COVID-19 uriet l-importanza tal-ħidma tad-WHO u l-kapaċità tad-WHO li timmaniġġja r-rispons għall-pandemija b'mod rapidu u effettiv, filwaqt li poġġiet ukoll fid-dieher tħassib bħal pereżempju tentattivi ta' ndħil u manipulazzjoni tal-azzjonijiet tagħha għal dan il-għan;

P. billi t-terroriżmu jibqa' wieħed mill-aktar theddidiet serji għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali;

Q. billi l-assertività dejjem akbar tar-reġimi awtoritarji u totalitarji u tal-gvernijiet illiberali f'fora multilaterali u organizzazzjonijiet internazzjonali, inkluż permezz ta' tentattivi biex in-normi internazzjonali jiddgħajfu u jinkitbu mill-ġdid, u l-involviment b'saħħtu tagħhom fil-proċessi ta' ġestjoni u ta' teħid ta' deċiżjonijiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u fora multilaterali rilevanti, jistgħu jwasslu għal risponsi ta' politika asimmetriċi, anqas effettivi u preġudikati, jeliminaw il-kundizzjonijiet ekwivalenti għall-membri kollha tal-komunità internazzjonali, u jwasslu wkoll għal impenn ħafna aktar dgħajjef mill-komunità internazzjonali għad-difiża u l-avvanz tal-valuri universali u tad-drittijiet universali; billi aġendi individwali, azzjonijiet unilaterali u nuqqas ta' impenn u appoġġ għal soluzzjonijiet multilaterali jistgħu jkomplu jikkompromettu l-multilateraliżmu bħala prinċipju organizzattiv essenzjali biex jiġu indirizzati l-isfidi transnazzjonali; billi, f'dan il-kuntest, huwa essenzjali li jiġi affermat mill-ġdid il-valur tal-governanza bbażata fuq ir-regoli, il-kooperazzjoni internazzjonali, l-impenn għad-drittijiet fundamentali u kundizzjonijiet ekwivalenti reali għall-membri kollha tal-komunità internazzjonali; billi l-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti u l-fora multilaterali se jkunu kruċjali biex jintlaħqu dawn l-objettivi; billi dawn l-objettivi mhux biss se jippermettu impatt politiku pożittiv aktar effettiv fuq l-isfidi globali, iżda se jrażżnu u jipprevjenu wkoll ir-riskju ta' kunflitt;

L-Erbgħa 6 ta' Lulju 2022

R. billi l-UE għandha tinvesti aktar minn qatt qabel fit-tisħiħ tal-organizzazzjonijiet multilaterali bħala waħda mill-prijoritajiet tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) u tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK) tagħha; billi l-Boxxla Strateġika tal-UE tagħti importanza kbira lis-sħubijiet internazzjonali u multilaterali bħala wieħed mill-pilastri bażiċi tal-PSDK tagħha;

S. billi hija meħtieġa kooperazzjoni multilaterali fost sħab tal-istess fehma fl-indirizzar ta' ndħil barrani malizzjuż;

T. billi r-rapport tas-Segretarju Ġenerali tan-NU bit-titolu "Our Common Agenda" (L-Aġenda Komuni Tagħna), li ġie ppreżentat lill-Assemblea Ġenerali tan-NU f'Settembru 2021 u li ntlaqa' mill-Assemblea Ġenerali f'Novembru 2021 u li ġie abbozzat permezz ta' proċess ta' konsultazzjoni wiesa' ħafna li inkluda l-istati membri tan-NU, il-mexxejja tal-ideat, iż-żgħażagħ, is-soċjetà ċivili, il-partijiet ikkonċernati rilevanti u ċ-ċittadini, kif ukoll is-sistema tan-NU u l-ħafna sħab tagħha, jattesta l-ħtieġa ta' multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli aktar effettiv, inklużiv u konness għall-futur; billi dan se jkun essenzjali għas-sistema tan-NU u għal fora multilaterali oħra sabiex jibqgħu forum effettiv għall-konsultazzjoni globali u għat-teħid tad-deċiżjonijiet; billi, f'dan il-kuntest, l-UE tinsab f'pożizzjoni unika biex tappoġġja lin-NU u lil organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti oħra biex ikomplu l-proċess ta' riforma u fir-rivitalizzazzjoni tal-ħila tagħhom li jwettquhom u l-ħila tagħhom li jinteraġixxu mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, bħaż-żgħażagħ jew il-komunitajiet l-aktar milquta mit-tibdil fil-klima, inkluż fil-livell lokali u reġjonali; billi hija u tagħmel dan l-UE għandha taħtaf l-opportunità li tinvolvi ruħha b'mod kostruttiv u effettiv mas-setgħat rivali, filwaqt li żżomm pożizzjoni soda dwar id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, tippromwovi mudell soċjali u politiku bbażat fuq il-valuri universali u tfittex kooperazzjoni u koordinazzjoni aktar mill-qrib ma' pajjiżi tal-istess fehma biex tirrinforza l-preminenza tal-valuri universali u tad-drittijiet fundamentali u tavvanza soluzzjonijiet effettivi għall-isfidi globali; billi d-diplomazija parlamentari se tkun komponent essenzjali biex jiġi rrinforzat il-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli, inklużiv, effettiv u konness;

U. billi l-UE u l-Istati Membri tagħha għadhom impenjati bis-sħiħ favur il-multilateraliżmu, il-governanza globali, il-promozzjoni tal-valuri fundamentali tan-NU bħala parti integrali tal-politika esterna tal-UE, kif ukoll it-tliet pilastri tas-sistema tan-NU: id-drittijiet tal-bniedem, il-paċi u s-sigurtà, u l-iżvilupp;

V. billi l-UE u n-NU qed ikomplu jaħdmu mill-qrib f'aktar minn 170 pajjiż biex itejbu l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem għal kulħadd, inaqqsu l-ġuħ u l-malnutrizzjoni, jipprevjenu u jegħlbu l-kriżijiet, jibnu soċjetajiet demokratiċi u inklużivi, jipprovdu servizzi essenzjali, jippromwovu tkabbir ekoloġiku u impjiegi deċenti, u jiżguraw il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi naturali;

W. billi r-rwol u l-għodod tal-Parlament fil-qasam tad-diplomazija parlamentari, il-medjazzjoni u d-djalogu jistgħu jikkontribwixxu b'mod attiv għat-tisħiħ tal-multilateraliżmu;

X. billi l-"Ewropa Globali – Strument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali" (l-istrument finanzjarju Ewropa Globali) il-ġdid, flimkien mal-approċċ "Tim Ewropa" u l-Istrateġija Global Gateway, jikkonferixxu lill-UE u lill-Istati Membri tagħha l-ħila li jirraggruppaw ir-riżorsi b'mod sinerġiku u li jikkoordinaw aħjar l-assistenza u joħolqu impatti pożittivi fl-azzjoni esterna tal-UE, anki permezz ta' fora multilaterali, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet tal-pajjiżi sħab, inkluż permezz ta' kooperazzjoni kontinwa u msaħħa ma-NU fuq il-post; billi l-UE għandha tagħti prijorità lill-għoti ta' għajnuna lill-pajjiżi b'rekord ta' governanza tajba u impenn favur il-prinċipji demokratiċi u d-drittijiet tal-bniedem; billi l-istrument finanzjarju l-ġdid Ewropa Globali jipprevedi djalogu politiku ta' livell għoli bejn il-Kummissjoni, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) u l-Parlament dwar il-prijoritajiet ta' programmazzjoni bl-opportunità għall-Parlament li jerġa' jgħaqqad dan id-djalogu ta' politika u ta' programmazzjoni mas-sensibilizzazzjoni u l-konsultazzjonijiet politiċi tiegħu ma' pajjiżi terzi, u b'hekk jirrinforza l-ħila tal-UE li, permezz tal-attivitajiet u s-sensibilizzazzjoni tagħha fil-qasam tad-diplomazija parlamentari, tassisti lill-pajjiżi terzi rilevanti u tħalli impatt pożittiv fuqhom;

Y. billi jekk l-UE trid titkellem b'vuċi waħda, iridu jsiru bidliet sostanzjali fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet għall-affarijiet barranin; billi t-teħid ta' deċiżjonijiet unanimu jispiċċa biss ixekkel il-ħila tal-UE li tinvolvi ruħha bħala attur b'saħħtu fix-xena internazzjonali, billi s-SEAE u l-Istati Membri għandhom jaqblu mal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata dwar kwistjonijiet ta' politika barranija, peress li hija forma aktar effettiva ta' teħid ta' deċiżjonijiet;

L-Erbgħa 6 ta' Lulju 2022

Il-bini mill-ġdid ta' multilateraliżmu minqux fil-valuri fundamentali tal-UE

1. Jilqa' l-komunikazzjoni konġunta mill-Kummissjoni u mill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin lill-Parlament u lill-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-kontribut tal-UE għall-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli; iqis li din il-komunikazzjoni tikkontribwixxi b'mod dirett ħafna u tkompli tavvanza r-riflessjoni dwar id-direzzjoni tal-politika barranija tal-UE mil-lat tal-impenn importanti tagħha, iżda aktar ġenerali, favur multilateraliżmu effettiv kif iddefinit fl-istrateġija Ewropea ta' sigurtà tal-2003 għat-twettiq tal-ħtieġa li jiġu kkombinati l-valur u l-objettiv ta' multilateraliżmu effettiv ma' prammatiżmu bbażat fuq il-prinċipji u l-ħtieġa li jiġu promossi u ppreservati l-interessi u l-valuri tal-UE, kif stabbilit fl-istrateġija globali għall-politika estera u ta' sigurtà tal-UE tal-2016; ifakkar li l-aħjar strateġija għad-difiża tal-multilateraliżmu hija li dan jerġa' jinbena u jsir aktar rilevanti, reżiljenti u effettiv;

2. Jappoġġja d-dikjarazzjoni tal-komunikazzjoni konġunta li "l-Kunsill jeħtieġlu juża d-dispożizzjonijiet li jagħtu lok għal astensjoni kostruttiva u għall-adozzjoni tad-deċiżjonijiet permezz ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fl-ambitu tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni"; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata fi kwistjonijiet ta' politika barranija tiġi ankrata f'bidliet futuri li jsiru fit-trattati tal-UE, peress li dan jippermetti lill-UE ssir attur globali aktar effettiv;

3. Jaqbel mal-Kummissjoni u mal-Viċi President / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar il-ħtieġa li l-UE tkun aktar assertiva hija u ssegwi l-interessi tagħha u tavvanza l-valuri universali li fuqhom hija bbażata u, għalhekk, jaqbel dwar il-ħtieġa li l-UE tiddefendi u ssaħħaħ il-multilateraliżmu u l-ordni bbażati fuq ir-regoli bħala mezz biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwivalenti għall-komunità internazzjonali, tipprovdi pjattaforma għal djalogu politiku inklużiv, kooperazzjoni u konverġenza u tikseb reazzjonijiet ta' politika appoġġjati mill-komunità internazzjonali inġenerali u li jistgħu verament iwasslu għar-riżultati mixtieqa;

4. Jenfasizza li huwa ta' importanza suprema li l-UE ssaħħaħ l-azzjoni esterna u s-sett ta' għodod tad-diplomazija tagħha bl-istrumenti awtonomi tagħha stess, filwaqt li żżid il-kapaċità tagħha li tkun attur globali u "titkellem b'vuċi waħda" sabiex tiddefendi aħjar il-multilateraliżmu, u dan għandu jinkludi l-ħolqien ta' Akkademja Diplomatika Ewropea kif mitlub reċentement mill-Parlament; itenni t-talba tiegħu li l-"Bauhaus Ewropea l-Ġdida" tiġi inkluża bħala strument ġdid fis-sett ta' għodod tal-azzjoni esterna tal-UE u bħala għodda diplomatika kulturali u pubblika utli, li hija fundamentali għall-promozzjoni tal-ordni multilaterali bbażat fuq il-valuri u t-tisħiħ ta' sħubijiet internazzjonali;

5. Jindika l-ħila tal-UE li tfassal standards regolatorji effiċjenti u inklużivi ħafna għas-suq uniku tagħha u huwa tal-fehma li l-UE għandha tfittex ukoll li tippromwovi tali standards fil-qafas tal-azzjoni esterna tagħha bħala paradigma u kontribut għad-diskussjoni dwar standards regolatorji globali effettivi; ifakkar fl-Artikolu 24 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), li jgħid li "l-Istati Membri għandhom isostnu l-politika esterna u ta' sigurtà tal-Unjoni attivament u mingħajr riżerva fi spirtu ta' lealtà u solidarjetà reċiproka" u li "għandhom joqgħodu lura minn kull azzjoni li tkun kontra l-interessi tal-Unjoni jew li x'aktarx tagħmel ħsara għall-effettività tagħha bħala forza b'koeżjoni fir-relazzjonijiet internazzjonali"; jinsab imħasseb dwar l-attivitajiet ta' xi Stati Membri, bħat-twettiq ta' inizjattivi diplomatiċi bilaterali ma' pajjiżi terzi, li jistgħu jmorru kontra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 24 TUE;

6. Jemmen li l-UE jeħtiġilha tkompli taġixxi bħala difensur sod u ewlieni tal-multilateraliżmu fid-dinja u tevita azzjonijiet li jikkompromettu dawn l-objettivi; jikkonkludi, madankollu, li l-UE jeħtiġilha tirrispondi għall-forzi globali, bħaż-żieda fil-frammentazzjoni, l-użu tal-kummerċ u tal-protezzjoniżmu bħala armi, sabiex tippreserva l-vantaġġi kompetittivi tagħha;

7. Huwa tal-fehma li l-UE għandha tuża l-isforzi tagħha biex issib soluzzjonijiet għal problemi globali, bħat-tibdil fil-klima, jew biex tippromwovi l-istabbiltà u l-paċi, bħala punt ta' dħul għal relazzjonijiet diplomatiċi usa' ma' pajjiżi terzi li magħhom id-djalogu u l-kooperazzjoni dwar punti oħra ta' politika mhux dejjem ikunu immedjatament fattibbli;

8. Jistieden lill-UE ssir aktar assertiva u strateġika fl-indirizzar tat-theddid globali dejjem jiżdied; jissottolinja li fil-kuntest ta' xenarju ġeopolitiku li qed jinbidel malajr, id-dinja tinsab f'salib it-toroq u l-istituzzjonijiet multilaterali jinsabu fil-periklu li jiġu ddominati minn reġimi nondemokratiċi; jappella għal impenn b'saħħtu, ibbażat fuq l-azzjoni, għall-protezzjoni tad-demokrazija u tad-drittijiet fundamentali f'fora multilaterali;

L-Erbgħa 6 ta' Lulju 2022

9. Ifakkar li l-UE hija biss osservatur għall-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-fora multilaterali kważi kollha, u li din is-sitwazzjoni la tirrifletti l-firxa tal-kompetenzi tal-UE u lanqas l-importanza dejjem tikber tal-organizzazzjonijiet reġjonali supranazzjonali fit-teħid tad-deċiżjonijiet globali; jemmen li l-effettività tal-UE fix-xena globali hija marbuta mill-qrib mal-istatus tagħha fil-fora u fl-organizzazzjonijiet multilaterali; jistieden għalhekk lill-Istati Membri jħeġġu r-rieda politika biex isaħħu l-pożizzjoni tal-UE fl-organizzazzjonijiet u fil-fora multilaterali, u biex jiksbu appoġġ minn pajjiżi terzi għal tali bidla fl-istatus, sabiex l-UE tkun tista' verament tonora l-impenn tagħha li tiddefendi l-multilateraliżmu b'mod effettiv;

It-tisħiħ tan-Nazzjonijiet Uniti u tal-parteċipazzjoni tal-Unjoni Ewropea fis-sistema tagħhom

10. Itenni l-appoġġ l-aktar qawwi tiegħu għall-programm ta' riformi introdott mis-Segretarju Ġenerali tan-NU António Guterres, u jindika l-ħtieġa għal aktar progress, speċjalment fir-rigward tal-inklużjoni tan-nisa, taż-żgħażagħ u ta' persuni f'sitwazzjoni vulnerabbli, kif ukoll dwar is-sensibilizzazzjoni dwar l-intersezzjonalità fl-istrutturi tan-NU; jisħaq fuq l-importanza ta' sistema tan-NU li tkun tista' tkompli twassal għar-riżultati mixtieqa b'mod effettiv; jindika l-valur tal-viżjoni ta' "One UN" tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għas-sistema tan-NU, fejn id-diversi aġenziji u komponenti tan-NU jistgħu verament ikunu interkonnessi u jiffunzjonaw flimkien abbażi ta' struttura baġitarja u maniġerjali unika u jkunu jistgħu jirrinforzaw l-ilħiq tal-objettivi tan-NU; jindika, b'mod partikolari, ir-rwol imsaħħaħ tal-Koordinaturi Residenti tan-NU previst bir-riforma tas-sistema ta' żvilupp tan-NU u jqis li dawn il-Koordinaturi Residenti tan-NU, li bħalissa joperaw f'aktar minn 130 pajjiż, għandhom mhux biss jieħdu rwol ta' tmexxija fil-koordinazzjoni tal-implimentazzjoni tal-programmi tan-NU fuq il-post biex jirrinforzaw l-unità tal-azzjoni tan-NU, iżda għandhom ukoll jikkollaboraw u jikkonsultaw mill-qrib mad-delegazzjonijiet tal-UE fl-Istat Membru rilevanti tan-NU biex ifittxu sinerġiji u tisħiħ reċiproku mal-programmi tematiċi u ġeografiċi tal-UE għal dak il-pajjiż;

11. Jafferma mill-ġdid li l-UE u n-NU għandhom jaħdmu mill-qrib fil-livell tal-kwartieri ġenerali u fir-reġjuni u l-pajjiżi fejn jipprovdu assistenza għall-iskambju ta' analiżijiet, u jallinjaw l-ippjanar tal-politika u dak programmatiku sabiex jimmassimizzaw l-impatt tagħhom fuq il-benessri tan-nies u tal-pjaneta; ifakkar li l-UE tista' tirrinforza bil-kbir is-sensibilizzazzjoni u l-impatt tal-programmi tan-NU f'pajjiżi terzi u tista' tiddefinixxi l-ipprogrammar u l-assistenza tagħha stess b'mod sinerġiku li wkoll jirrinforza l-impatt tagħhom f'konformità mal-objettivi tan-NU; jisħaq, għalhekk, fuq il-valur ta' konsultazzjoni u kooperazzjoni mill-qrib bejn l-UE u n-NU, u jistieden lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lid-delegazzjonijiet tal-UE f'pajjiżi terzi biex b'mod attiv jilħqu lin-NU u jikkonsultaw magħhom dwar l-attivitajiet ta' politika u programmazzjoni tan-NU għall-2021-2027 u lil hinn; jistieden lin-NU jikkonsultaw regolarment mal-UE fil-kwartieri ġenerali tan-NU, iżda wkoll fuq il-post fil-pajjiżi terzi;

12. Huwa tal-fehma li l-UE u n-NU għandhom jorganizzaw summits annwali bil-possibbiltà li s-Segretarju Ġenerali tan-NU jikkonferixxi mal-Kunsill, mal-Kummissjoni, mas-SEAE u mal-Parlament; jistieden lin-NU jiżguraw preżenza kostanti ta' interlokuturi ta' livell għoli tan-NU fil-Parlament biex ikomplu d-djalogu politiku strutturat u konsistenti u jagħtu viżibilità akbar lill-isforzi tan-NU; jenfasizza l-ħtieġa li jittejjeb il-funzjonament politiku tan-NU, filwaqt li jappella għal interfaċċja aktar b'saħħitha bejn in-NU u l-organizzazzjonijiet reġjonali kif issottolinjat mis-Segretarju Ġenerali tan-NU, Guterres; jenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ il-koordinazzjoni tal-Aġenziji tan-NU mal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali permezz tal-Kunsill Ekonomiku u Soċjali tan-NU (ECOSOC); jappoġġja l-proposti tas-Segretarju Ġenerali tan-NU, Guterres, biex iż-żgħażagħ u s-soċjetà ċivili jingħataw vuċi aktar b'saħħitha fi ħdan is-sistema tan-NU;

13. Jenfasizza li sabiex l-UE ssir sieħeb globali aktar effettiv li kapaċi jiddefendi l-ordni multilaterali, il-ħila tal-UE li taġixxi b'mod robust u fil-pront bħala fornitur affidabbli tas-sigurtà trid tissaħħaħ; jistieden, għalhekk, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni jivvalutaw bir-reqqa, jesploraw u jiżviluppaw għażliet għall-istabbiliment ta' unitajiet militari multinazzjonali permanenti, li jkunu stazzjonati b'mod permanenti u li jitħarrġu flimkien;

14. Jistieden lis-Segretarju Ġenerali tan-NU jintensifika l-isforzi tiegħu fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija tan-NU għall-Parità bejn il-Ġeneri bħala għodda essenzjali biex tiġi żgurata r-rappreżentanza ugwali tan-nisa fis-sistema tan-NU fil-livelli ġerarkiċi kollha; ifakkar li sa mill-ħolqien tan-NU fl-1945, l-ebda mara ma nħatret Segretarju Ġenerali tan-NU; jindika l-ħtieġa ġenerali għal rappreżentanza ekwa tan-nisa u tal-gruppi emarġinati, kif ukoll għal aktar diversità fi ħdan l-organizzazzjonijiet internazzjonali; jappoġġja bil-qawwa l-Aġenda għaż-Żgħażagħ, il-Paċi u s-Sigurtà u l-objettiv tagħha li ż-żgħażagħ jingħataw vuċi akbar fit-teħid ta' deċiżjonijiet fil-livelli lokali, nazzjonali, reġjonali u internazzjonali;

15. Huwa tal-fehma li l-UE għandha tidentifika l-korpi tan-NU u organizzazzjonijiet multilaterali oħra li huma essenzjali għall-promozzjoni tad-djalogu politiku, tal-konverġenza u ta' soluzzjonijiet ta' politika għall-isfidi globali u għall-iffissar tal-istandards; u għandha tiddefinixxi objettivi ċari u prijoritajiet ċari għad-djalogu ma' tali korpi u organizzazzjonijiet u għall-appoġġ, inkluż appoġġ baġitarju, għalihom; ifakkar, f'dan ir-rigward, li l-UE u l-Istati Membri tagħha diġà huma l-kontributuri finanzjarji ewlenin tan-NU u ta' ħafna mill-aġenziji u mill-programmi tagħhom, iżda li dan l-impenn u l-appoġġ għan-NU mhux dejjem jissarrfu f'impatt ikbar mill-UE, mill-Istati Membri tagħha u minn sħab tal-istess fehma f'pożizzjonijiet ewlenin tal-aġenziji tan-NU jew f'fora multilaterali, li huwa ta' ħassib partikolari fi żmien meta l-assertività tar-reġimi nondemokratiċi, bħar-Russja, f'tali fora qiegħda dejjem tikber;

16. Jiġbed l-attenzjoni għaż-żieda fl-importanza ġeopolitika tal-istandards, speċjalment fit-teknoloġija, u jħeġġeġ lill-UE taġixxi b'mod strateġiku sabiex issir superpotenza li tistabbilixxi l-istandards fil-fora multilaterali;

17. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha kif ukoll lis-sħab tal-istess fehma jkomplu jtejbu l-koordinazzjoni tagħhom għal dak li għandu x'jaqsam mal-istabbiliment ta' appoġġ konġunt għal kandidaturi għal pożizzjonijiet ta' tmexxija f'fora multilaterali; jindika l-ħtieġa ta' koordinazzjoni ma' sħab tal-istess fehma f'reġjuni oħra tad-dinja, u fid-dawl tal-importanza tal-prinċipju tad-distribuzzjoni ġeografika ekwa tal-pożizzjonijiet ta' tmexxija, li tinżamm enfasi qawwija fuq il-valuri demokratiċi;

18. Jenfasizza f'dan ir-rigward ir-rwol ewlieni li qed tiżvolġi l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) bħala pilastru tas-sigurtà Ewropea u jitlob li jissaħħaħ aktar l-approċċ komprensiv tal-organizzazzjoni fil-qasam tas-sigurtà;

19. Jistieden lill-UE taħdem man-NU, mal-organizzazzjonijiet reġjonali, ma' fora internazzjonali bħall-G7 u l-G20 u ma' koalizzjonijiet ad hoc, kif ukoll fi ħdanhom, biex jiġu indirizzati l-isfidi globali li qed niffaċċjaw issa u li se niffaċċjaw fil-futur;

20. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jiżviluppaw aktar l-istrateġija tagħhom dwar il-multilateraliżmu, inkluż permezz ta' linji gwida aġġornati regolarment dwar kif wieħed għandu jipproċedi f'fora differenti, li jkopru kwistjonijiet bħar-riforma tas-sistema tan-NU u rwol aktar ċentrali jew rappreżentanza aktar formali tal-UE, u viżjoni għal ordni globali ġdid li jsawruh b'mod li jista' jerġa' jagħti l-ħajja lill-multilateraliżmu; jemmen li l-UE se jkollha bżonn tibni alleanzi ma' sħab tal-istess fehma sabiex tiżviluppa kooperazzjoni multilaterali f'firxa wiesgħa ta' fora, iżda li dawn l-alleanzi mhux dejjem jinvolvu lill-istess atturi, filwaqt li l-objettiv irid dejjem ikun li tiġi difiża sistema ta' governanza globali effettiva u bbażata fuq ir-regoli;

21. Itenni l-pożizzjonijiet tiegħu dwar il-gwerra Russa ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna espressa f'riżoluzzjonijiet preċedenti;

22. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-gwerra ta' aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna, kif ukoll l-involviment tal-Belarussja f'din il-gwerra, u jeżiġi li r-Russja ttemm minnufih l-attivitajiet militari kollha fl-Ukrajna u tirtira mingħajr ebda kundizzjoni l-forzi u t-tagħmir militari kollha mit-territorju kollu tal-Ukrajna rikonoxxut internazzjonalment; jissottolinja li din l-aggressjoni u l-invażjoni militari jikkostitwixxu ksur serju tad-dritt internazzjonali; iqis l-invażjoni Russa tal-Ukrajna bħala attakk mhux biss kontra pajjiż sovran, iżda anki kontra l-prinċipji u l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u sigurtà fl-Ewropa u l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, kif stabbilit mill-Karta tan-NU;

23. Jilqa' s-sospensjoni tar-Russja mill-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU (UNHRC); jilqa' b'sodisfazzjon id-deċiżjonijiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali, inkluż fil-qasam tal-kultura u l-isport, li jissospendu l-parteċipazzjoni tar-Russja; Jistieden lill-mexxejja tal-UE u lill-mexxejja ta' stati oħra biex jeskludu lir-Russja mill-G20 u minn organizzazzjonijiet kooperattivi multilaterali oħra, bħall-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, l-UNESCO u oħrajn, bħala sinjal importanti li l-komunità internazzjonali mhux se topera bħas-soltu ma' dan l-istat aggressur;

24. Jissottolinja li l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tas-sanzjonijiet eżistenti madwar l-UE kollha u mill-alleati internazzjonali tal-UE issa trid tkun prijorità; jistieden lill-UE tuża fora multilaterali biex tiżgura l-effettività ta' dawn is-sanzjonijiet;

L-Erbgħa 6 ta' Lulju 2022

25. Jitlob embargo sħiħ immedjat fuq l-importazzjonijiet Russi ta' żejt, faħam, fjuwil nukleari u gass, biex in-Nordstream 1 u 2 jiġu abbandunati għalkollox, u biex jiġi ppreżentat pjan biex is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-UE fuq perjodu ta' żmien qasir tibqa' tiġi żgurata; jitlob lill-UE tiżgura appoġġ permezz ta' fora multilaterali lil pajjiżi terzi li jixtiequ jippromulgaw embargo fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija Russi;

26. Jilqa' l-ħila tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jaħdmu b'mod koordinat u li jippreżentaw pożizzjonijiet unifikati fis-sistema tan-NU, b'attenzjoni partikolari għall-Assemblea Ġenerali tan-NU, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u l-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU; ifaħħar, f'dan ir-rigward, l-isforzi siewja ta' koordinazzjoni mid-delegazzjonijiet tal-UE għan-NU fi New York u f'Ġinevra; jemmen li dan l-approċċ unifikat u sinerġiku għandu jiġi rreplikat f'kull korp, aġenzija jew organizzazzjoni internazzjonali oħra tan-NU, sabiex l-UE tkun tista' taġixxi u twassal ir-riżultati mixtieqa b'vuċi waħda u fl-istanzi kollha fil-fora multilaterali; jilmenta li l-Kunsill tas-Sigurtà konsistentement ma għandux il-ħila jieħu deċiżjonijiet u konsegwentement mhuwiex effettiv fir-rispons għal kriżijiet bħal dawk fl-Ukrajna, fis-Sirja, fl-Etjopja u fis-Sudan, daqs kemm kien għal kriżijiet oħra fil-passat, u li dan kellu impatt negattiv fuq il-prevenzjoni, il-ġestjoni u r-riżoluzzjoni ta' dawn il-kriżijiet minħabba l-użu estensiv tad-drittijiet ta' veto; jenfasizza li huwa indifensibbli li stat wieħed jista' jwaqqaf l-isforzi meta jitwettqu ġenoċidju, delitti kontra l-umanità jew delitti tal-gwerra;

27. Iħeġġeġ lin-NU taħtar il-mibgħut speċjali tagħha fil-Libja, peress li l-pożizzjoni ilha vakanti minn Novembru 2021 u l-proċess demokratiku fil-Libja għadu f'punt ta' bidla;

28. Jiddispjaċih dwar il-fatt li fl-2022, żewġ Stati Membri biss tal-UE se jkollhom siġġu fil-Kunsill tas-Sigurtà; iqis li l-UE u l-Istati Membri għandhom jippromwovu riflessjoni dwar it-termini ta' riforma tal-Kunsill tas-Sigurtà li tkun tista' treġġa' lura l-ħila tiegħu li jindirizza l-kriżijiet fil-ħin u b'mod effettiv, tillimita bir-reqqa d-dritt tal-veto u tibdel il-kompożizzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà biex tirrifletti aħjar id-dinja tal-lum;

29. Itenni l-fehma tiegħu, f'dan ir-rigward, li l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jaħdmu sabiex isibu kunsens wiesa' dwar ir-riforma tal-Kunsill tas-Sigurtà, fost l-oħrajn, permezz tal-għoti ta' siġġu permanenti għall-UE, flimkien mas-siġġijiet diġà okkupati mill-Istati Membri tal-UE; iħeġġeġ lill-Istati Membri tal-UE biex ma jikkompetux kontra xulxin f'dak li għandu x'jaqsam mal-iżgurar ta' siġġu fil-Kunsill tas-Sigurtà;

30. Jesprimi tħassib dwar l-erożjoni tas-sistema attwali tal-kontroll tal-armi u tad-diżarm u tal-istrumenti legali tagħha; jappoġġja l-isforzi kollha biex l-aġenda tal-kontroll tal-armi u tad-diżarm jerġgħu jitqiegħdu fuq l-aġenda internazzjonali, inkluż billi tingħata ħajja ġdida lill-Konferenza dwar id-Diżarm; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jirrieżaminaw u jaġġornaw l-Istrateġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva biex jitqiesu l-iżviluppi ġeopolitiċi, teknoloġiċi u legali reċenti u jipprovdu bażi aġġornata u ambizzjuża għall-impenn multilaterali tal-UE għan-nonproliferazzjoni u d-diżarm; jesprimi tħassib dwar l-iżvilupp ta' teknoloġiji militari ġodda, bħall-intelliġenza artifiċjali (IA), l-armi fl-ispazju ekstratmosferiku, il-bijoteknoloġiji u l-armi ipersoniċi, u jappoġġja b'mod attiv l-isforzi u l-inizjattivi l-ġodda biex jitwaqqfu programmi ta' armamenti relatati li jinsabu għaddejjin bħalissa minn xi stati membri tan-NU; jappoġġja l-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ispazju Ekstratmosferiku tal-Kummissjoni dwar id-Diżarm tan-NU fuq l-implimentazzjoni prattika ta' miżuri ta' trasparenza u bini ta' fiduċja f'attivitajiet fl-ispazju ekstratmosferiku;

31. Jappoġġja l-inizjattiva, tas-Segretarju Ġenerali tan-NU, tal-Azzjoni dwar iż-Żamma tal-Paċi bbażata fuq l-aġġornament tas-sħubija bejn l-UE u n-NU dwar il-ġestjoni tal-kriżijiet u l-operazzjonijiet ta' paċi u l-esplorazzjoni ta' opportunitajiet għal sħubijiet ġodda, inkluż bejn l-UE, in-NU u l-Unjoni Afrikana u l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet reġjonali oħra; itenni r-rwol kruċjali li għandhom in-nisa fil-medjazzjoni tal-kunflitti u fil-missjonijiet taż-żamma tal-paċi u jfakkar fis-sottorappreżentanza tagħhom fil-livelli kollha fi ħdan in-NU, l-UE u organizzazzjonijiet u missjonijiet multilaterali oħra;

32. Jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jtejbu l-ħila tagħhom li jikkondividu l-informazzjoni, jikkonsultaw u jikkoordinaw dwar strateġiji, politiki u pożizzjonijiet, inkluż fil-korpi governattivi u fil-bordijiet tal-korpi multilaterali fejn l-UE mhijiex rappreżentata direttament, billi jibdew mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU; jikkondividi l-fehma tal-Viċi President / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni li l-UE għandha tistabbilixxi mekkaniżmi ta' koordinazzjoni fl-istituzzjonijiet internazzjonali kollha, inkluż fl-istituzzjonijiet finanzjarji; jemmen li l-istess ħila ta' koordinazzjoni għandha tiġi estiża għall-bordijiet tal-korpi kollha tan-NU;

33. Jemmen li l-istrument finanzjarju l-ġdid Ewropa Globali u l-approċċ "Tim Ewropa" għall-assistenza u l-ipprogrammar ġeografiċi u tematiċi, kif ukoll l-Istrateġija Global Gateway għall-konnessjoni tal-iżvilupp tal-infrastruttura, jipprovdu opportunità unika biex tiġi ddefinita aġenda interistituzzjonali komuni li debitament tirrifletti u tagħti valur lill-kontributi tal-Istati Membri tal-UE b'mod li żżid il-valur tal-approċċ multilaterali għall-isfidi u l-kriżijiet fid-dinja u tirrinforza l-ħila ta' ingranaġġ tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, inkluż fil-fora multilaterali; jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu għal approċċ ġeografiku bbilanċjat u mmexxi mill-prijoritajiet fl-azzjonijiet, l-assistenza u l-programmi tal-UE mnedija lil hinn mill-fruntieri tal-UE;

34. Iwissi li t-tentattivi minn gvernijiet illiberali jew reġimi awtoritarji u totalitarji, bħaċ-Ċina, biex jiksbu u jikkonsolidaw ingranaġġ billi jiffinanzjaw organizzazzjonijiet internazzjonali jqajmu l-kwistjoni tal-antagoniżmu finanzjarju fil-fora multilaterali u jagħtu lok għall-ħtieġa ta' riflessjoni kemm fil-livell globali kif ukoll f'dak tal-UE dwar kif jiġu żgurati l-indipendenza u l-effettività tal-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-fora multilaterali rilevanti billi tintuża l-firxa sħiħa ta' għodod għad-dispożizzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE, inkluż, fejn meħtieġ u rilevanti, finanzjament adegwat u sostenibbli tal-UE, kif ukoll finanzjament minn sorsi oħra; ifakkar li d-dewmien fil-ħlas ta' kontribuzzjonijiet ivvalutati minn diversi Stati Membri għandu effetti estremament negattivi fuq il-ħidma tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, u għalhekk mhuwiex aċċettabbli;

35. Ifakkar li l-għajnuna umanitarja u l-għajnuna għall-iżvilupp tal-UE lil pajjiżi terzi spiss titwassal permezz tas-sistema tan-NU; jappoġġja din is-sħubija bejn l-UE u n-NU, iżda jistieden lill-UE tiżgura aktar viżibbiltà tar-rwol u tal-kontributi speċifiċi tagħha fi ħdan in-NU; jissottolinja, f'dan ir-rigward, l-importanza li titwettaq, fil-livell tal-UE, evalwazzjoni fil-fond kemm tas-sħubijiet attwali kif ukoll ta' dawk ppjanati bejn l-UE u n-NU sabiex jiġi vvalutat jekk hemmx viżibbiltà adegwata għall-kontribut tal-UE, valur għall-flus il-kontribwenti f'konformità mal-valuri tal-UE u jekk ir-rwoli ta' tmexxija kkonferiti lill-UE u lill-Istati Membri tagħha humiex proporzjonati mal-impenn u d-dedikazzjoni qawwija tal-UE għas-sistema tan-NU; jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jwettqu dan ir-rieżami u jikkonferixxu mal-Parlament dwar is-sejbiet tagħhom u dwar it-triq 'il quddiem biex jiżguraw li jingħata rikonoxximent adegwat tal-kontribut, tat-tqassim finanzjarju proporzjonat, tal-impenn u tad-dedikazzjoni tal-UE għas-sistema tan-NU;

36. Jenfasizza li l-appoġġ tal-UE għall-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-preżenza f'fora multilaterali għandhom ikunu viżibbli għaċ-ċittadini fl-Istati Membri tal-UE; jistieden lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jniedi kampanja ta' informazzjoni fl-UE kollha dwar l-appoġġ tal-UE mogħti lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-preżenza, l-objettivi u l-attivitajiet tagħha f'fora multilaterali; jistieden bl-istess mod lill-Kummissjoni, lis-SEAE u lill-Istati Membri jippromwovu r-rwol attiv tal-UE f'fora multilaterali u jipprovdu aktar informazzjoni dwar il-kontributi u l-kisbiet tal-UE f'organizzazzjonijiet internazzjonali, inkluż permezz ta' narrattivi, pożizzjonijiet u dikjarazzjonijiet komuni dwar riżoluzzjonijiet tan-NU;

37. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri tal-UE jintensifikaw il-koordinazzjoni dwar il-Fondi u l-Programmi tan-NU, filwaqt li jidentifikaw objettivi ewlenin u approċċ konġunt għall-orjentazzjoni tal-Bordijiet Eżekuttivi; jenfasizza l-importanza li jiġu żgurati t-trasparenza u r-responsabbiltà fil-finanzjament u l-infiq tal-organizzazzjonijiet multilaterali;

38. Ifaħħar il-ħidma tal-"Alleanza għall-Multilateraliżmu" bħala network informali ta' pajjiżi magħquda fil-konvinzjoni tagħhom li ordni multilaterali bbażat fuq ir-regoli huwa l-unika garanzija affidabbli għall-istabbiltà u l-paċi internazzjonali, u li l-isfidi komuni tagħna jistgħu jissolvew biss permezz tal-kooperazzjoni;

Il-bini mill-ġdid tal-multilateraliżmu permezz ta' sħubijiet globali msaħħa biex jintlaħqu għanijiet komuni

39. Jenfasizza l-ħtieġa li ssir ħidma lejn multilateraliżmu effettiv, orjentat lejn ir-riżultati, ibbażat fuq il-valuri u inklużiv, fejn il-gvernijiet, is-soċjetà ċivili, l-atturi reliġjużi, is-settur privat, l-akkademja u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jistgħu jaħdmu flimkien b'mod effettiv biex iservu valuri u interessi globali u jiksbu għanijiet globali; jirrikonoxxi l-importanza li jiġu rrikonċiljati ż-żewġ għanijiet kritiċi tal-UE li tissaħħaħ il-viżibbiltà u l-influwenza tal-UE bħala attur globali u li jiġi appoġġjat ir-rwol tal-fora multilaterali; ifakkar fil-ħtieġa li dawn it-tensjonijiet jiġu indirizzati u ġestiti u li tiġi artikolata pożizzjoni assertiva u bbażata fuq il-prinċipji bejn dawn iż-żewġ għanijiet, f'konformità mal-valuri, l-ideat u l-interessi ewlenin tal-UE; jirrimarka li minkejja t-tensjonijiet apparenti bejn dawn iż-żewġ għanijiet kritiċi Ewropej, dawn jipprovdu wkoll opportunitajiet ġodda, peress li awtonomija strateġika msaħħa tal-UE tista' tippermetti lill-UE tagħmel alleanzi mas-sħab bilaterali tagħha fi ħdan negozjati multilaterali, kif ukoll tippromwovi u tiddefendi l-impenji multilaterali matul in-negozjati bilaterali; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jiddefendu b'mod konsistenti u attiv il-multilateraliżmu u l-istituzzjonijiet multilaterali rilevanti kull darba li dawn jiġu kompromessi bi kwalunkwe mod jew forma;

L-Erbgħa 6 ta' Lulju 2022

40. Jissottolinja l-importanza ta' kooperazzjoni multilaterali kontinwa dwar kwistjonijiet ta' sigurtà u difiża; jenfasizza l-ħidma tas-sħubija bejn l-UE u n-NATO u l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-OSKE mibnija fuq appoġġ komuni għall-valuri ewlenin kondiviżi tad-demokrazija, il-libertà, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-dinjità tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-promozzjoni tal-paċi u l-kooperazzjoni internazzjonali filwaqt li jkun protett l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli; jistieden lill-Istati Membri tal-UE u lill-membri tan-NATO li għadhom m'għamlux dan biex jingħaqdu ma' inizjattivi Ewropej ta' sigurtà u difiża sabiex ikomplu jikkomplementaw u jsaħħu l-kooperazzjoni konġunta;

41. Jenfasizza li l-multilateraliżmu u kwalunkwe riforma tas-sistema attwali għandhom jiffukaw ukoll fuq aktar trasparenza u responsabbiltà, kif ukoll impenn ma' atturi mhux Statali, sabiex jgħinu biex terġa' tinkiseb il-fiduċja tan-nies f'dawn l-istituzzjonijiet u biex jingħataw leġittimità akbar; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-flussi finanzjarji illeċiti u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali u l-prattiki tajba dwar ir-ritorn u l-irkupru tal-assi, inkluż permezz ta' miżuri aktar effettivi għall-implimentazzjoni tal-obbligi eżistenti skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Korruzzjoni u l-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali; jenfasizza l-ħtieġa li jiġu implimentati miżuri effettivi, inklużivi u sostenibbli għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-qafas tal-Aġenda 2030; jisħaq li l-ġlieda kontra l-flussi finanzjarji illeċiti trid tiġi ssimplifikata fil-livell globali;

42. Jenfasizza l-importanza li jkompli jsir kuntatt mal-alleati u s-sħab tal-istess fehma f'organizzazzjonijiet internazzjonali u f'fora multilaterali biex tiġi kkonsolidata koalizzjoni ta' pajjiżi tal-istess fehma impenjati favur valuri u objettivi komuni u għal djalogu politiku u kooperazzjoni effettiva globalment; jissottolinja l-ħtieġa li jiżdied ftehim dwar il-politika barranija u l-kooperazzjoni fis-sigurtà bejn l-UE u r-Renju Unit bħala anness għall-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit, li jippermetti liż-żewġ naħat ikunu jistgħu jiffaċċjaw aħjar l-isfidi komuni ta' sigurtà globali u ta' politika barranija; jenfasizza li tali ftehim iservi wkoll biex jiffaċilita l-kooperazzjoni fl-organizzazzjonijiet multilaterali, b'mod partikolari n-NU, filwaqt li jitqiesu l-ħafna valuri u interessi komuni taż-żewġ naħat;

43. Jindika r-rilevanza partikolari, mhux biss tas-sħab trans-Atlantiċi jew Ewropej tradizzjonali bħall-Istati Uniti u l-Kanada, kif ukoll tar-Renju Unit, il-Balkani tal-Punent u pajjiżi oħra tal-Viċinat tan-Nofsinhar u tal-Lvant, iżda wkoll ta' alleati demokratiċi oħra tal-istess fehma fl-Amerika Latina, l-Indo-Paċifiku, u l-Afrika li fi sħubija jistgħu joħolqu żona usa' ta' valuri u standards komuni u impenn għall-promozzjoni ta' reazzjonijiet globali għall-isfidi globali kif ukoll koalizzjoni internazzjonali usa' ta' sħab tal-istess fehma; jissottolinja, f'dan ir-rigward, l-importanza ta' aktar djalogu u kooperazzjoni ma' pajjiżi Afrikani tal-istess fehma, u li jiġu appoġġjati fil-bini ta' futur għall-Afrika bbażat fuq id-demokrazija, l-inklużjoni u l-prosperità, filwaqt li titqies il-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi u t-theddid għas-sigurtà li jirriżultaw mit-tibdil fil-klima, it-terroriżmu u l-kriminalità organizzata;

44. Jenfasizza li r-relazzjonijiet tal-UE mal-Unjoni Afrikana (UA) u l-Amerika Latina u l-Karibew għandhom valur intrinsiku fihom infushom u huma ta' importanza kruċjali għal multilateraliżmu mġedded; ifakkar li fid-dikjarazzjoni konġunta tagħhom bit-titolu "L-Afrika u l-Ewropa: żewġ kontinenti b'viżjoni konġunta għall-2030", l-UE u l-UA impenjaw ruħhom li jaħdmu flimkien biex jippromwovu multilateraliżmu effettiv fi ħdan l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli, bin-NU fil-qalba tiegħu, u wieġħdu li jaħdmu lejn pożizzjonijiet aktar konverġenti f'fora multilaterali biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi globali, tissaħħaħ is-solidarjetà, jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima u jittejjeb it-twettiq tal-"beni pubbliċi globali", f'konformità mal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Aġenda 2063 tal-UA;

45. Jappoġġja, għalhekk, l-isforzi tal-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni biex ikomplu jsaħħu s-sħubija tal-UE mal-UA u l-Komunità ta' Stati tal-Amerika Latina u tal-Karibew; jindika l-importanza li tiżdied il-konverġenza tal-pożizzjonijiet fin-NU u f'fora multilaterali oħra bejn l-UE u l-pajjiżi tal-adeżjoni kif ukoll dawk sħab; jistieden lill-UE tespandi l-kapaċità tagħha li tassisti pajjiżi sħab u pajjiżi tal-istess fehma, inkluż permezz tal-bini tal-kapaċità, il-kondiviżjoni tal-għarfien, it-taħriġ u l-ġemellaġġ, sabiex ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom b'mod aktar effettiv fis-sistema multilaterali, kif ukoll biex jaqsmu l-aħjar prattiki magħhom sabiex jitgħallmu wkoll mill-esperjenzi tagħhom; itenni l-importanza li jissaħħu l-fora multilaterali eżistenti ma' sħab tal-istess fehma, speċjalment is-summits bejn l-UE u l-Komunità tal-Amerika Latina u l-Istati tal-Karibew;

46. Jenfasizza l-ħtieġa ta' kooperazzjoni bejn l-UE u l-ASEAN bħala mezz biex jiġu ffaċċjati l-isfidi reċiproċi fir-reġjun Asja-Paċifiku; jenfasizza l-ħtieġa li tingħata spinta lir-rwol tal-organizzazzjonijiet reġjonali fis-sistema tan-NU billi jiġi propost summit annwali tal-kapijiet tal-organizzazzjonijiet reġjonali;

47. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lis-SEAE jissuġġerixxu inizjattivi ġodda sabiex jirrispondu għar-riskji tas-sigurtà relatati mal-klima filwaqt li jippromwovu l-Patt Ekoloġiku Ewropew f'fora internazzjonali; jemmen li l-UE għandha tappoġġja miri ambizzjużi għat-tnaqqis tas-CO_2 f'pajjiżi terzi u jenfasizza l-ħtieġa li d-diplomazija dwar il-klima titqiegħed fil-qalba tal-azzjoni esterna tagħha sabiex tippromwovi l-paċi u s-sigurtà globali;

48. Jappoġġja l-promozzjoni bla waqfien tal-UE għad-drittijiet universali tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u d-difiża tagħhom, l-appoġġ qawwi tagħha għall-universalizzazzjoni tad-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-appoġġ attiv tagħha għall-fora tan-NU dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-użu tagħhom biex jiġu indirizzati kwistjonijiet urġenti tad-drittijiet tal-bniedem, l-appoġġ sod tagħha għat-tisħiħ tar-responsabbiltà u l-mekkaniżmi tal-ġustizzja internazzjonali, il-ġlieda tagħha kontra l-impunità u għar-rispett tas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Istati; jissottolinja, f'dan ir-rigward, l-appoġġ tal-UE għall-fruntieri internazzjonali stabbiliti u rikonoxxuti u jirrifjuta kwalunkwe tentattiv biex dawn jinbidlu bil-forza;

49. Jappoġġja lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u lill-Kummissjoni fit-tfittxija tagħhom biex jiżguraw li l-UNHRC jaġixxi b'mod aktar effiċjenti, jindirizza malajr il-kwistjonijiet kollha tad-drittijiet tal-bniedem u s-sitwazzjonijiet tal-pajjiżi b'mod effettiv, kredibbli u mingħajr preġudizzju u jiżgura sinerġiji ma' fora multilaterali oħra tad-drittijiet tal-bniedem;

50. Jitlob li l-korpi tad-drittijiet tal-bniedem ikunu imparzjali kemm jista' jkun u li dawk il-korpi jkunu protetti minn kwalunkwe interferenza minn Stati magħrufa li wettqu ksur tad-drittijiet tal-bniedem; jinsisti, għalhekk, fuq il-ħtieġa li jiġu definiti standards ċari dwar ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali li għandhom jintlaħqu sabiex jiġu aċċettati bħala membri tal-UNHRC, u huwa tal-fehma li l-UE għandha tkun aktar proattiva f'dan ir-rigward u tappoġġja riforma komprensiva tal-UNHRC;

51. Ifaħħar il-ħidma tal-Kummissarju Għoli tan-NU attwali għad-Drittijiet tal-Bniedem u huwa tal-fehma li l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għad-Drittijiet tal-Bniedem jipprovdi opportunità unika biex ikun hemm involviment fi djalogu u kooperazzjoni effettivi dwar kif tiġi ssimplifikata u rrinforzata l-kapaċità ta' twassil tas-sistema tad-drittijiet tal-bniedem tan-NU, inkluż permezz ta' skrutinju pubbliku akbar tas-shubija fil-UNHRC, ir-responsabbiltajiet u l-avvenimenti obbligatorji ta' weħdiet ta' donazzjonijiet fl-Assemblea Ġenerali tan-NU ma' kandidati għall-UNHRC, kif propost mill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni konġunta tagħhom; jilqa' t-tnedija fit-12 ta' Ottubru 2021 ta' djalogu strateġiku annwali man-NU;

52. Jinnota li r-riżorsi finanzjarji allokati għall-ħidma tal-Kummissarju tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem huma notevolment insuffiċjenti, b'ħafna pajjiżi jfittxu li jnaqqsuhom, filwaqt li l-UE ilha titlob li jiżdied il-finanzjament għall-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli għad-Drittijiet tal-Bniedem; jilqa' l-inizjattivi u l-attivitajiet tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem fit-Tielet Kumitat tal-Assemblea Ġenerali tan-NU u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, kif ukoll il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NU dwar diversi kwistjonijiet tematiċi u bbażati fuq il-pajjiż dwar id-drittijiet tal-bniedem;

53. Jitlob li jinħolqu aktar sinerġiji bejn ir-rakkomandazzjonijiet tal-mekkaniżmu tal-Eżami Perjodiku Universali (EPU) u r-Rieżamijiet Nazzjonali Volontarji mwettqa fil-qafas tal-SDGs, u li dawn jintrabtu mal-ipprogrammar ta' proġetti ddedikati tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem; iħeġġeġ lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jintensifikaw l-isforzi tagħhom kontra t-tentattivi tal-pajjiżi awtoritarji biex joħolqu kontronarrattiva sabiex jinbidel il-fehim tad-drittijiet tal-bniedem billi jiġu enfasizzati d-drittijiet kollettivi fuq id-drittijiet individwali; jistieden lill-UE tappoġġja l-ħidma tal-NGOs u tad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem fil-UNHRC li qed jiġu dejjem aktar taħt pressjoni u mhedda minn Stati awtoritarji;

54. Jiddeplora l-abbuż tal-UNHRC minn reġimi awtoritarji u totalitarji li jkomplu jabbużawh għall-għanijiet tagħhom, b'mod partikolari, biex jikkompromettu l-funzjonament tiegħu, u jnaqqru r-reġim tan-normi tad-drittijiet tal-bniedem; jistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha jappoġġjaw riforma komprensiva tal-UNHRC;

L-Erbgħa 6 ta' Lulju 2022

55. Jenfasizza l-ħtieġa urġenti għall-implimentazzjoni sħiħa u l-integrazzjoni sistematika tal-perspettiva tal-ġeneri u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru III (GAP III) fl-azzjoni esterna kollha tal-UE; jitlob lill-UE u lill-Istati Membri jeżerċitaw rwol ta' tmexxija fl-implimentazzjoni tar-riżoluzzjoni 1325 (2000) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-nisa, il-paċi u s-sigurtà; jissottolinja li n-nisa għandhom rwol ewlieni fil-prevenzjoni tal-kunflitti, in-negozjati għall-paċi, il-bini tal-paċi, iż-żamma tal-paċi, ir-rispons umanitarju u r-rikostruzzjoni ta' wara l-kunflitti; jenfasizza, għalhekk, il-ħtieġa li l-UE tiżgura l-parteċipazzjoni ugwali tan-nisa u l-involviment sħiħ tagħhom fl-isforzi kollha biex jinżammu l-paċi u s-sigurtà filwaqt li tinkludi perspettiva tal-ġeneru fl-azzjoni esterna kollha tagħha;

Titjib fl-involviment tal-Parlament Ewropew

56. Ifakkar li biex il-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli, effettiv, orjentat lejn ir-riżultati u konness jiffjorixxi, huwa importanti li jiġu involuti parlamenti eletti demokratikament biex jiġi żgurat aċċess usa' għal firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati u jiġu estiżi d-djalogu u l-kooperazzjoni għal entitajiet mhux Statali bħall-gvernijiet reġjonali, il-muniċipalitajiet, l-akkademja, is-soċjetà ċivili u s-settur ekonomiku; jappoġġja l-inizjattivi internazzjonali li jappellaw għall-parteċipazzjoni sinifikanti tat-Tajwan bħala osservatur fil-laqgħat, fil-mekkaniżmi u fl-attivitajiet tal-korpi multilaterali, fosthom l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO), l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija Kriminali (INTERPOL) u l-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC); ifakkar li l-parlamenti eletti demokratikament jistgħu jagħtu viżibbiltà u jagħtu s-setgħa lill-ilħna li jappoġġjaw il-multilateraliżmu bħala mezz għal reazzjonijiet politiċi effettivi għall-benefiċċju tal-umanità kollha, u jistgħu jiżguraw aktar ir-rabta meħtieġa bejn l-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-fora multilaterali li jieħdu d-deċiżjonijiet u ċ-ċittadini;

57. Huwa tal-fehma li l-UE għandha tippromwovi l-istabbiliment ta' korp fi ħdan is-sistema tan-NU sabiex jiżdiedu l-karattru demokratiku, ir-responsabbiltà demokratika u t-trasparenza tal-governanza globali;

58. Jindika r-rwol sinerġiku li l-Parlament jista' jkollu fis-sensibilizzazzjoni politika u strateġika regolari tiegħu mal-parlamenti tal-Istati Membri tal-UE u pajjiżi terzi, peress li din is-sensibilizzazzjoni tista' tirrinforza u tespandi aktar il-koalizzjoni ta' pajjiżi tal-istess fehma f'organizzazzjonijiet internazzjonali u fora multilaterali u żżid l-kapaċità tagħha li tħalli impatti pożittivi; iqis li għandu jkun hemm riflessjoni dwar il-possibbiltà li tinħoloq delegazzjoni Parlamentari għan-Nazzjonijiet Uniti, b'enfasi partikolari għall-Assemblea Ġenerali tan-NU u dimensjonijiet parlamentari oħra ta' organizzazzjonijiet internazzjonali u fora multilaterali sabiex jiġu rrinforzati r-rabtiet parlamentari u d-djalogu mas-sistema tan-NU u fora multilaterali rilevanti oħra u jiġu żgurati djalogu demokratiku u diskussjoni strateġika fil-livell interistituzzjonali tal-UE;

59. Jisħaq li l-UE għandha tappoġġja inizjattivi mmirati lejn l-inkorporazzjoni aħjar tal-fehmiet tas-soċjetà ċivili fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tan-NU; jitlob li jiġu stabbiliti fora ġodda fi ħdan is-sistema tan-NU li jippermettu lis-soċjetà ċivili tinvolvi ruħha fi djalogu politiku man-NU u li dawk li diġà jeżistu jintużaw b'mod effettiv;

60. Jemmen li l-uffiċċji tal-Parlament fi bliet b'korpi tan-NU jew b'organizzazzjonijiet internazzjonali li huma rilevanti għall-azzjoni esterna tal-UE għandhom jilħqu u jkopru l-attivitajiet ta' dawn il-korpi u organizzazzjonijiet bil-għan li jistabbilixxu rabta aktar mill-qrib mal-isforzi, l-impenji u l-viżjonijiet relatati mal-multilateraliżmu tal-UE u tal-Parlament; huwa tal-fehma li għandu jkun hemm riflessjoni dwar kif il-Parlament jista' jimmassimizza s-sinerġiji bejn id-delegazzjonijiet interparlamentari, il-kumitati u s-servizzi tal-Parlament iddedikati għall-osservazzjoni elettorali u l-appoġġ għad-demokrazija biex tiġi rrinforzata aktar l-azzjoni esterna tal-UE permezz tal-attivitajiet ta' dawn il-korpi parlamentari; jenfasizza l-importanza tal-ħidma tal-Unjoni Interparlamentari;

61. Jesprimi l-appoġġ tiegħu għar-rwol tal-Parlament kemm fit-tisħiħ tal-attivitajiet parlamentari, tal-bini tal-kapaċità, tal-appoġġ għad-demokrazija globali u tar-rwol speċjali tiegħu fil-medjazzjoni u d-djalogu parlamentari permezz tad-djalogu Jean Monnet, fost l-oħrajn; jissottolinja l-valur miżjud tar-rwol speċjali li jiżvolġi l-Parlament fit-trawwim tad-djalogu u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u tal-istandards demokratiċi;

62. Ifakkar fir-rwol ewlieni tal-Parlament bħala istituzzjoni demokratika u li tlaqqa' li tista' tipprovdi forum pubbliku uniku u perspettiva unika għall-promozzjoni tal-multilateraliżmu; iqis li l-Parlament għandu jistieden regolarment mexxejja ta' livell għoli minn organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti biex jiddiskutu interessi u prijoritajiet kondiviżi; jemmen li biex tiġi rrinforzata d-dimensjoni parlamentari ta' fora multilaterali, il-Parlament għandu, fuq bażi annwali, jospita fil-bini tiegħu konferenza ta' kelliema mill-pajjiżi tal-G7 u tal-G20; jitlob li jiġi rrinforzat id-djalogu strutturat bejn il-Parlament

u s-sistema tan-NU; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza li jsiru laqgħat regolari għall-iskambju ta' fehmiet bejn il-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u kumitati rilevanti oħra u l-kapijiet tad-delegazzjonijiet tal-UE għan-NU fi New York u Ġinevra u bejn dawn il-kumitat u l-kapijiet tal-missjoni tal-Istati Membri tal-UE li huma membri permanenti jew b'rotazzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU; jenfasizza l-kontributi pożittivi tad-delegazzjonijiet annwali mill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u s-sottokumitati tiegħu għall-kwartieri ġenerali tan-NU fi New York; jitlob il-formalizzazzjoni ta' xi whud mis-sessjonijiet informali bejn l-UE u l-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU; iħeġġeġ it-twaqqif ta' assoċjazzjoni formali bejn il-Parlament u l-Assemblea Ġenerali tan-NU;

Il-multilateraliżmu bħala mutur biex jiġu indirizzati l-isfidi globali urġenti

63. Jenfasizza l-kontribut kruċjali tas-sistema multilaterali fl-indirizzar tal-emerġenza klimatika; jappella għal aktar titjib, rinforzar u istituzzjonalizzazzjoni tal-oqfsa multilaterali attwali li jfittxu li jiġġieldu t-tibdil fil-klima, bħall-UNFCCC, li għandha 197 parti inklużi l-Istati Membri kollha tan-Nazzjonijiet Uniti u, għalhekk, għandha sħubija kważi universali, permezz tal-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' responsabbiltà u prinċipji konkreti biex tiġi żgurata l-effikaċja tal-mandati tagħhom; jenfasizza l-ħtieġa li tiġi rrinforzata l-azzjoni globali kontra t-tibdil fil-klima, peress li huwa biss permezz ta' azzjoni globali kollettiva, immedjata u ambizzjuża li d-dinja tista' tillimita ż-żieda fit-temperatura għal 1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali;

64. Jemmen li fil-ġlieda kontra t-tisħin globali, il-pajjiżi industrijalizzati għandhom jappoġġjaw lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw fil-bidla mill-fjuwils fossili għall-enerġija ekoloġika billi jittrasferixxu mhux biss il-finanzjament iżda wkoll l-għarfien espert u t-teknoloġija;

65. Ifakkar fl-importanza li ssir enfasi fuq l-implimentazzjoni fil-livell nazzjonali billi jiġu adottati u implimentati kontributi stabbiliti fil-livell nazzjonali (NDCs), filwaqt li fl-istess ħin jiġi żgurat li l-komunità internazzjonali tkun kollettivament fit-triq it-tajba biex tilħaq l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi fuq livell multilaterali; jistieden lill-gvernijiet jistabbilixxu NDCs ambizzjużi, li mingħajrhom l-objettiv ta' 1,5 °C mhux se jintlaħaq, u jistedinhom iħeġġu lil xulxin biex jibqgħu fit-triq it-tajba;

66. Ifakkar fl-importanza ta' ħidma mill-qrib ma' emittenti ewlenin, pajjiżi vulnerabbli għall-klima u sħab trans-Atlantiċi biex jinkiseb progress fuq il-mira tal-2030 fil-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima tal-2022; jitlob li jitkomplew l-isforzi multilaterali biex jiġi mobilizzat il-finanzjament għall-SDGs u l-klima, inkluż li 50 % tal-finanzjament għall-klima jiġi ddedikat għall-adattament; jilqa' l-isforzi tal-Konferenza tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (COP26) tal-2021 biex jiġu stabbiliti definizzjonijiet għad-diżinformazzjoni marbuta mat-tibdil fil-klima;

67. Ifakkar li l-ksur tad-drittijiet ambjentali għandu impatt profond fuq varjetà wiesgħa ta' drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet għall-ħajja, l-awtodeterminazzjoni, l-ikel, l-ilma, is-saħħa, id-drittijiet kulturali, ċivili u politiċi; jisħaq li l-bijodiversità u d-drittijiet tal-bniedem huma interkonnessi u interdipendenti, u jfakkar fl-obbligi tal-Istati fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem li jipproteġu l-bijodiversità li tali drittijiet jiddependu minnha, inkluż billi jipprevedu l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini f'deċiżjonijiet relatati mal-bijodiversità u jipprovdu aċċess għal rimedji effettivi f'każijiet ta' telfien u degradazzjoni tal-bijodiversità; jesprimi l-appoġġ tiegħu għal sforzi normattivi naxxenti f'livell internazzjonali dwar reati ambjentali; iħeġġeġ, f'dan ir-rigward, lill-UE u lill-Istati Membri jippromwovu r-rikonoxximent tal-ekoċidju bħala reat internazzjonali skont l-Istatut ta' Ruma tal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI);

68. Ifakkar fir-rwol ewlieni tal-fora multilaterali fl-indirizzar tal-isfidi tal-pandemija tal-COVID-19 u jenfasizza dan bħala eżempju tal-importanza tagħhom fil-promozzjoni u l-protezzjoni tas-saħħa pubblika globali u l-kopertura universali tas-saħħa; jiċċelebra l-iżvilupp tal-inizjattiva Aċċess Globali għall-Vaċċini Kontra l-COVID-19 (COVAX), li tikkostitwixxi eżerċizzju mingħajr preċedent ta' solidarjetà internazzjonali, u jirringrazzja lid-donaturi u l-kontributuri tagħha, filwaqt li jenfasizza l-ħtieġa li jkomplu jingħataw u jiżdiedu r-riżorsi, kif ukoll il-bini tal-kapaċitajiet għall-produzzjoni u d-distribuzzjoni tal-vaċċini, sabiex il-vaċċini u t-trattamenti jsiru disponibbli mingħajr ħlas għall-pajjiżi kollha b'mod li jistgħu effettivament jaslu għand il-pajjiżi kollha f'waqthom;

L-Erbgħa 6 ta' Lulju 2022

69. Ifaħħar il-ħidma tad-WHO fil-ġlieda kontra l-pandemija permezz tad-deċiżjonijiet tagħha bbażati fuq għarfien u evidenza xjentifika, filwaqt li tiżgura skrutinju indipendenti u responsabbiltà tal-ġestjoni tal-pandemija tal-COVID-19 mid-WHO; jenfasizza l-ħtieġa li jissaħħu l-mandat u l-kapaċità eżekuttiva tagħha, speċjalment fir-rigward tal-kondiviżjoni tad-data u l-mobilizzazzjoni tar-riżorsi, kif ukoll ir-riforma tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Kumitat ta' Emerġenza tagħha u l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' infurzar għad-deċiżjonijiet u l-deliberazzjonijiet tiegħu;

70. Jilqa' l-bidu tal-ħidma fuq trattat internazzjonali ġdid dwar il-pandemiji, wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni fil-31 ta' Mejju 2021 minn kull wieħed mill-194 membru tad-WHO; iħeġġeġ lill-UE taħdem fil-qafas tal-organizzazzjonijiet multilaterali sabiex ittejjeb il-mekkaniżmi globali għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-pandemiji, abbażi tal-esperjenza miksuba mir-rispons internazzjonali għall-pandemija tal-COVID-19;

71. Jappella għal oqfsa leġiżlattivi u regolatorji msaħħa u għall-promozzjoni ta' koerenza politika għall-kisba ta' aċċess effettiv għas-servizz tas-saħħa, inkluż permezz tal-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni u l-implimentazzjoni ta' politiki li jipprovdu aċċess akbar għas-servizzi tas-saħħa, il-prodotti u l-vaċċini, speċjalment għal dawk l-aktar żvantaġġati;

72. Jappella għal kooperazzjoni internazzjonali dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fuq bażi mifruxa mas-sistema kollha meta jitfasslu, jiġu implimentati u mmonitorjati l-politiki tas-saħħa, filwaqt li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tan-nisa u l-bniet kollha, bil-għan li tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa fil-politiki tas-saħħa u fit-twassil tas-sistemi tas-saħħa;

73. Iħeġġeġ lill-UE tippromwovi sforzi fin-NU fil-ġlieda kontra t-terroriżmu billi jiġu implimentati u aġġornati l-erba' pilastri tal-Istrateġija Globali tan-NU kontra t-Terroriżmu approvata mill-Assemblea Ġenerali f'Settembru 2006;

74. Jitlob miżuri speċifiċi għall-protezzjoni tat-tfal li l-vulnerabbiltà tagħhom tista' tiġi aggravata b'mod partikolari mill-pandemija tal-COVID-19, inkluż fir-rigward tal-aċċess tagħhom għas-saħħa, l-edukazzjoni, l-ikel bi prezzijiet raġonevoli, l-ilma nadif, il-faċilitajiet sanitarji u akkomodazzjoni adegwata; itenni l-impatt negattiv tat-tibdil fil-klima u l-ħsara ambjentali fuq l-eżerċizzju tad-drittijiet tat-tfal;

75. Jenfasizza l-ħtieġa għal aktar azzjoni multilaterali fil-governanza ekonomika, speċjalment fir-rigward tat-tassazzjoni; jilqa' d-direzzjoni indikata fil-Qafas Inklużiv tal-OECD/G20 dwar l-erożjoni tal-bażi tat-taxxa u trasferiment tal-profitti (BEPS) u l-aħħar proposta tiegħu għall-istabbiliment ta' rata minima tat-taxxa korporattiva ta' 15 % u l-pilastru futur li jippermetti riallokazzjoni aktar ġusta tad-drittijiet tat-tassazzjoni; jieħu nota tal-proposta tal-Kummissjoni għal riżorsa proprja ekwivalenti għal 15 % tas-sehem tal-profitti residwi tal-akbar u l-aktar intrapriżi multinazzjonali profittabbli li jiġu riallokati lill-Istati Membri tal-UE skont dan il-ftehim; iħeġġeġ lill-komunità internazzjonali tistinka għal aktar integrazzjoni f'dan il-qasam sabiex jiġu evitati prattiki u abbużi inġusti; jappella għall-implimentazzjoni usa' tal-istandards u n-normi internazzjonali f'dan il-qasam ta' politika; ifakkar fl-importanza ewlenija tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) fir-regolamentazzjoni u l-iffaċilitar tal-kummerċ dinji;

76. Jinnota l-ħtieġa li l-UE taħdem mill-qrib ma' sħab tal-istess fehma għall-immodernizzar u t-tagħmir tad-WTO b'għodod biex tindirizza l-isfidi kummerċjali tas-seklu 21, inkluża r-rivoluzzjoni diġitali, u t-tranżizzjoni ekoloġika, ġusta u sostenibbli; jistieden lill-UE timpenja ruħha mal-membri kollha tad-WTO biex tressaq aġenda pożittiva għar-riforma u pjan ta' ħidma konkret fit-12-il Konferenza Ministerjali; jirrikonoxxi li l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti kienet il-mutur għall-progress fi ħdan in-negozjati kummerċjali multilaterali;

77. Jenfasizza l-importanza li jittieħdu u jiġu appoġġjati inizjattivi kontra l-evażjoni tat-taxxa, il-ħasil tal-flus u l-korruzzjoni; l-appoġġ għall-ħidma fil-livell tan-NU dwar kwistjonijiet ta' taxxa sabiex tiġi żgurata vuċi għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw fi kwistjonijiet ta' taxxa; il-ħidma biex jitħaffu n-negozjati dwar kodiċi ta' kondotta effettiv għall-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa internazzjonali permezz tal-użu ta' ftehimiet dwar l-iskambju ta' informazzjoni dwar it-taxxa (FSIT);

78. Jinnota l-importanza tal-multilateraliżmu fl-indirizzar ta' sfidi u realtajiet ġodda bħat-telf tal-bijodiversità, iċ-ċibersigurtà, il-bijoteknoloġija, id-diġitalizzazzjoni, l-attivitajiet ġeopolitiċi u l-governanza fir-reġjuni polari, l-IA u t-theddid emerġenti, bħat-tixrid iffaċilitat mit-teknoloġija tal-aħbarijiet foloz, ix-xjenza falza u d-diżinformazzjoni; jargumenta li l-esperti, ix-xjenzati u r-rappreżentanti rilevanti tas-soċjetà ċivili għandhom ikunu parti għal ftehimiet multilaterali u b'diversi partijiet interessati;

79. Jilqa' b'sodisdazzjon il-varar tal-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti;

80. Ifakkar fl-importanza tal-integrazzjoni tal-prinċipju u l-objettiv tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-oqsma kollha ta' politika;

81. Jilqa' l-isforzi tas-Segretarju Ġenerali tan-NU biex isaħħaħ u jikkoordina d-diġitalizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti, sabiex l-internet iservi l-pilastri tan-NU: il-paċi u s-sigurtà, id-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp;

82. Jenfasizza li multilateraliżmu mġedded jista' jkollu impatt pożittiv biex imexxi 'l quddiem it-trasformazzjoni diġitali, mhux biss bħala ingranaġġ b'saħħtu biex jiġu implimentati l-SDGs, iżda wkoll minħabba l-ħtieġa urġenti li jiġu stabbiliti standards u normi bażiċi u jiġu indirizzati r-riskji u l-isfidi tagħha;

83. Ifakkar li fid-dawl ta' Ċina dejjem aktar ambizzjuża, assertiva u aggressiva, l-UE u s-sħab demokratiċi tagħha li jaħsbuha bl-istess mod għandhom jikkoordinaw f'fora multilaterali bħala parti minn alleanza ta' demokraziji teknoloġiċi sabiex jiddefendu s-sistema internazzjonali bbażata fuq ir-regoli, jiġġieldu l-koordinazzjoni awtoritarja mmirata lejn il-ħtif ta' fora internazzjonali, u jiżguraw permezz tal-istabbiliment ta' standards u regoli globali li t-teknoloġiji l-ġodda jibqgħu ċċentrati fuq il-bniedem;

84. Jirrimarka li d-dinja diġitali għandha tiġi ttrattata wkoll bħala sors ġdid importanti ħafna ta' tassazzjoni;

85. Jinsisti fuq iċ-ċentralità tal-multilateraliżmu għaż-żamma effettiva tal-ordni fl-ispazju ekstratmosferiku u fuq il-ħtieġa li jiġu approfonditi l-inizjattivi attwali, u jitnedew oħrajn ġodda, biex jiġu ppreservati l-użi paċifiċi tal-ispazju ekstratmosferiku; jenfasizza li l-użu tal-ispazju ekstratmosferiku għandu jkun irregolat minn sett imtejjeb ta' regoli u standards internazzjonali u minn sistema mmirata biex tiggarantixxi l-użu fit-tul, sostenibbli, responsabbli u paċifiku tal-ispazju;

86. Jistieden lill-UE ssegwi rwol aktar attiv fl-iżvilupp ta' qafas internazzjonali għal teknoloġiji tal-IA ċċentrati fuq il-bniedem u affidabbli, speċjalment fir-rigward tas-sistemi tal-armi awtonomi;

87. Jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni multilaterali bejn sħab tal-istess fehma biex tiġi miġġielda d-diżinformazzjoni malizzjuża u manipulattiva mxerrda minn atturi Statali u mhux Statali; jissottolinja l-importanza li l-UE tieħu t-tmexxija globali fl-istabbiliment ta' definizzjonijiet, normi u prinċipji internazzjonali biex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet, inkluż dwar l-indħil barrani fl-elezzjonijiet;

88. Jenfasizza r-rwol importanti tal-Parlament fil-monitoraġġ mill-qrib u fl-appoġġ tal-proċess tal-implimentazzjoni tal-SDGs u l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi permezz tal-preservazzjoni tal-bijodiversità, l-ambjent naturali u r-riżorsi tiegħu, inkluż billi jfittex mhux biss li jimmonitorja l-progress, iżda wkoll li jsaħħaħ l-allokazzjoni tar-riżorsi u jissuġġerixxi titjib jew proposti konkreti; jenfasizza ż-żewġ ideat strateġiċi ewlenin tal-proposta tas-Segretarju Ġenerali tan-NU António Guterres "L-Aġenda Komuni Tagħna", jiġifieri l-ħtieġa ta' Patt Globali Ġdid u Kuntratt Soċjali Ġdid; jirrimarka li dawn jistgħu jissarrfu f'miżuri konkreti ħafna bħal Fond Ekoloġiku Globali aktar b'saħħtu u mekkaniżmu ta' appoġġ finanzjarju għal pajjiżi b'dejn għoli, dment li jimplimentaw l-SDGs u jaġixxu kontra l-faqar;

89. Iħeġġeġ lill-Unjoni tiżgura l-protezzjoni, il-konservazzjoni u d-difiża tal-wirt kulturali u storiku tal-Ewropa fil-fora multilaterali kollha bħall-UNESCO;

90. Jenfasizza l-ħtieġa vitali li tiġi indirizzata l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ġlieda kontra n-nondiskriminazzjoni tan-nisa, il-bniet u l-gruppi emarġinati u l-ġlieda favur id-drittijiet fundamentali tagħhom fil-livell globali, inklużi s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati; jistenna li l-Kummissjoni, l-Istati Membri u s-SEAE jintegraw b'mod sistematiku l-GAP III tal-UE fl-azzjoni esterna kollha, inkluż l-involviment tagħhom fil-livell multilaterali u jikkooperaw mill-qrib mal-gvernijiet sħab, is-soċjetà ċivili, is-settur privat u partijiet ikkonċernati ewlenin oħra; jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jsaħħu s-sinerġiji mas-sħab biex javvanzaw b'mod konġunt l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u jilħqu b'suċċess il-miri internazzjonali relatati mal-ugwaljanza bejn il-ġeneri; jenfasizza li l-UE għandha tkun minn ta' quddiem fost il-komunità internazzjonali biex iżżid l-isforzi biex jinqered l-użu tal-vjolenza sesswali u bbażata fuq il-ġeneru bħala arma f'kunflitt armat;

L-Erbgħa 6 ta' Lulju 2022

91. Jitlob ir-ratifika universali u l-implimentazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar l-Eliminazzjoni tal-Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali; jitlob b'urġenza l-eliminazzjoni ta' kull forma ta' diskriminazzjoni razzjali bil-mezzi kollha xierqa, inkluża l-leġiżlazzjoni; jirrikonoxxi r-rwol fundamentali tal-edukazzjoni u l-kultura fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-ġlieda intersezzjonali kontra r-razziżmu, id-diskriminazzjoni razzjali, il-ksenofobija u l-intolleranza relatata, speċjalment fil-promozzjoni tal-prinċipji tat-tolleranza, l-inklużjoni u r-rispett għad-diversità etnika, reliġjuża u kulturali, u l-prevenzjoni tat-tixrid ta' movimenti u ideat razzisti u ksenofobiċi estremisti; jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li tiġi żgurata l-protezzjoni ugwali tal-liġi u l-ugwaljanza quddiem il-qrati, it-tisħiħ tal-pożizzjoni u l-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u fil-ħajja politika, ekonomika, soċjali u kulturali tal-popli indiġeni, inklużi n-nisa u l-bniet; jitlob protezzjoni msaħħa tal-persuni b'diżabilità u attenzjoni għal dawk li jiffaċċjaw diskriminazzjoni intersezzjonali, speċjalment in-nisa u l-persuni indiġeni b'diżabilità;

92. Jitlob lill-UE żżid il-kooperazzjoni multilaterali dwar il-ġustizzja internazzjonali fid-dawl tal-għadd dejjem jikber ta' ksur kontra d-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali; jistieden lill-UE u lis-sħab tagħha jiżviluppaw u jużaw l-għodod disponibbli fil-korpi internazzjonali, bħall-UNHRC, il-Proċeduri Speċjali tan-NU, ir-Rapporteurs Speċjali tan-NU, il-mekkaniżmi tal-OSKE, il-Kunsill tal-Ewropa jew il-qrati internazzjonali, biex itejbu l-konformità tal-atturi Statali u mhux Statali mad-dritt internazzjonali u jippromwovu l-prinċipju ta' ġuriżdizzjoni universali li għandu jiġi applikat fis-sistemi legali domestiċi; jistieden lill-UE ssaħħaħ ir-rwol tal-QKI u żżid il-persunal tagħha billi tipprovdilha appoġġ diplomatiku, politiku u finanzjarju b'saħħtu; jitlob lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u lill-Istati Membri jistiednu lill-Istati Membri kollha tal-istituzzjonijiet multilaterali li għadhom ma rratifikawx l-Istatut ta' Ruma biex jagħmlu dan;

93. Jistieden lill-Kummissjoni tikkonkludi malajr l-abbozzar tal-qafas ta' diliġenza korporattiva u taħdem ma' sħab tal-istess fehma biex tindirizza l-abbużi gravi tad-drittijiet tal-bniedem minn reġimi awtoritarji u totalitarji, u b'hekk tiżgura ktajjen tal-provvista globali sostenibbli u reżiljenti fid-dawl ta' influwenza malizzjuża ta' reġimi awtoritarji u totalitarji;

94. Jitlob li jkun hemm politika internazzjonali li tipprovdi protezzjoni u appoġġ għad-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem f'riskju; jikkundanna l-miżuri ta' ritaljazzjoni meħuda minn xi gvernijiet kontra organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, attivisti u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem b'reazzjoni għall-interazzjoni leġittima tagħhom ma' korpi internazzjonali u jistieden lill-Kunsill u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà jirreaġixxu b'mod sistematiku u vokali għal kull okkorrenza ta' dan; jistieden lill-UE tappoġġja t-talba għal mekkaniżmu investigattiv permanenti tan-NU dwar ir-reati kontra l-ġurnalisti u l-adozzjoni ta' sanzjonijiet immirati kontra dawk responsabbli għat-theddid jew l-ordni ta' atti ta' vjolenza kontra l-ġurnalisti sabiex tintemm l-impunità, tiġi evitata l-vjolenza kontra l-ġurnalisti u jiġu promossi miżuri biex tissaħħaħ is-sikurezza tagħhom;

95. Itenni t-talba tiegħu lill-UE biex tinsisti għal impenji multilaterali aktar b'saħħithom biex jinstabu soluzzjonijiet politiċi sostenibbli għall-konflitti attwali u jiġi żgurat li d-drittijiet tal-bniedem ikunu fil-qalba tal-politiki ta' prevenzjoni u medjazzjoni tal-konflitti; ifakkar fl-importanza taż-żamma tal-paċi internazzjonali u r-riżoluzzjoni tal-konflitti, kif ukoll l-appoġġ tal-UE għall-missjonijiet rilevanti; jenfasizza l-ħtieġa ta' objettivi ċari, kapaċità ċara ta' twettiq, u mekkaniżmi effettivi, inklużi l-perspettivi tan-nisa f'konformità mar-riżoluzzjoni 1325 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u r-riżoluzzjonijiet sussegwenti kollha; jitlob li ssir riforma tal-istrutturi rilevanti b'mod li tintemm l-impunità tal-persunal ħati ta' abbuż u vjolenza sesswali mwettqa waqt li jkun qed iservi f'operazzjonijiet militari u f'missjonijiet ċivili, kif ukoll ta' persunal f'aġenziji, uffiċċji u organi multilaterali oħra, u li jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' sorveljanza u responsabbiltà li jiffunzjonaw u li jkunu trasparenti;

96. Jisħaq li s-suċċess tal-organizzazzjonijiet multilaterali għandu rwol kruċjali fil-bini mill-ġdid tal-fiduċja pubblika fid-demokrazija, il-liberaliżmu, u l-importanza ta' ordni dinji bbażat fuq ir-regoli;

97. Jissottolinja li sistema kummerċjali multilaterali miftuħa, inklużiva, ibbażata fuq ir-regoli u nondiskriminatorja trid tkun mutur ewlieni tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ globali, u trid twassal għal tkabbir ekonomiku avvanzat, kompetittività u innovazzjoni, ħolqien tal-impjiegi, titjib tal-istandards tal-għajxien, tkabbir tal-introjtu, il-promozzjoni ta' żvilupp ekonomiku sostenibbli u tgħin fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, u b'hekk jissaħħu l-prosperità, il-paċi u s-sigurtà, f'konformità mal-SDGs; jinnota, barra minn hekk, ir-rwol ta' sistema kummerċjali multilaterali fit-trawwim ta' ambjent kummerċjali prevedibbli permezz tal-iżvilupp ta' regoli u regolamenti tal-kummerċ reċiproċi, aktar trasparenti u ġusti, implimentati b'mod konsistenti, infurzabbli u koerenti; ifakkar fis-sejbiet tar-rapport bit-titolu "EU exports to the world: effects on employment" (L-esportazzjonijiet tal-UE lejn id-dinja: l-effetti fuq l-impjiegi) ta' Novembru 2021, li sab li aktar minn 38 miljun impjieg fl-UE huma appoġġjati mill-esportazzjonijiet; jistieden lill-Kummissjoni tkompli l-ħidma

tagħha fil-komunikazzjoni ta' dawn is-sejbiet u tqajjem kuxjenza dwar il-benefiċċji u l-aspetti pożittivi tal-kummerċ internazzjonali; jemmen, madankollu, li hemm bżonn li terġa' tinbena l-fiduċja fl-istituzzjonijiet multilaterali fid-dawl tal-isfidi globali, b'mod partikolari fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' inizjattivi komuni għall-provvista ta' beni pubbliċi globali, f'kuntest tal-ispostament tad-dinamika dinjija tal-poter; itenni r-rwol li l-UE għandha f'dan il-proċess;

98. Jiddispjaċih dwar it-tendenzi dejjem jikbru lejn il-protezzjoniżmu u l-użu tal-kummerċ bħala arma ta' koerċizzjoni li żviluppaw f'partijiet tal-ekonomija globali, li wasslu għal tfixkil u tensjonijiet ġeopolitiċi; ifakkar li l-politiki ekonomiċi nazzjonalisti li jinvolvu ksur tar-regoli stabbiliti tal-liġi kummerċjali internazzjonali u li jixprunaw ir-ritaljazzjoni mis-sħab kummerċjali huma l-antiteżi tas-sistema kummerċjali globalizzata tagħna; jappella għat-tisħiħ ulterjuri tal-isforzi ta' infurzar tal-kummerċ tal-UE u l-iżvilupp ta' sett ta' għodod ta' strumenti kummerċjali awtonomi, bħall-istrument kontra l-koerċizzjoni, l-istrument ta' sussidji distorsivi u l-istrument ta' akkwist internazzjonali, kif ukoll il-ħolqien tal-kariga ta' Uffiċjal Kap tal-Infurzar għall-Kummerċ (CTEO), biex jirrispondi għal dawn l-isfidi emerġenti; jinnota l-għan li tinkiseb ġabra ta' regoli multilaterali riformata u li tiffunzjona tajjeb b'sistema għas-soluzzjoni tat-tilwim effettiva u li tiffunzjona fil-qalba tagħha fi ħdan id-WTO; jenfasizza l-ħtieġa, madankollu, li jibqa' jkun hemm impenn sħiħ fl-isforzi biex tiġi riformata d-WTO bil-għan li jiżdiedu l-effiċjenza, l-inklużività, it-trasparenza u l-leġittimità tagħha bħala l-element ċentrali ta' ekonomija globali, miftuħa, ġusta, u sostenibbli bbażata fuq ir-regoli, u biex jiġu indirizzati l-isfidi u r-riskji ppreżentati minn ekonomiji mhux tas-suq; jilqa' f'dan ir-rigward l-Anness ta' Frar 2021 għar-Rieżami tal-Politika Kummerċjali li jiddeskrivi approċċ komprensiv għall-modernizzazzjoni tad-WTO; jisħaq li għall-avvanz tal-kummerċ globali bbażat fuq ir-regoli, l-involviment effettiv tal-UE jrid ikun ibbażat fuq approċċ li jħares 'il quddiem għall-kummerċ;

99. Jilqa' l-konklużjoni b'suċċess tat-12-il Konferenza Ministerjali tad-WTO, u jtenni l-appoġġ sħiħ tiegħu għal sistema kummerċjali bbażata fuq ir-regoli, li għandha tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-isfidi globali u biex takkumpanja t-tranżizzjoni ekoloġika, ir-rivoluzzjoni diġitali u l-ġlieda kontra l-inugwaljanza; iħeġġeġ lill-pajjiżi tad-WTO jimplimentaw id-deċiżjonijiet meħuda, mingħajr dewmien, u jaħdmu favur ir-riforma tal-organizzazzjoni qabel it-13-il Konferenza Ministerjali sabiex id-WTO tkun kompletament operazzjonali u adattata għall-iskop tagħha; jiddispjaċih dwar il-fatt li t-12-il Konferenza Ministerjali ma inkludietx dimensjoni tal-ġeneru u tal-kummerċ, u jitlob li din il-kwistjoni ssir ċentrali għat-13-il Konferenza Ministerjali;

100. Jisħaq li governanza globali demokratika, leġittima, responsabbli u trasparenti għandu jkollha parteċipazzjoni akbar tal-korpi parlamentari, peress li l-parlamentari eletti direttament jistgħu jiffunzjonaw bħala rabta kruċjali bejn iċ-ċittadini u s-sistema multilaterali; jenfasizza l-importanza ta' multilateriżmu orizzontali u koerenti, kif ukoll dwar il-ħidma tal-konferenza parlamentari konġunta bejn il-Parlament Ewropew u l-Unjoni Interparlamentari dwar id-WTO għal dan il-għan; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi żgurat li l-parlamentari jkollhom aċċess aħjar għan-negozjati kummerċjali u jkunu involuti fil-formulazzjoni ta' mandati u l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tad-WTO, kif ukoll fin-negozjati dwar kwistjonijiet relatati mal-kummerċ fi ħdan korpi u istituzzjonijiet multilaterali oħra; itenni l-ħtieġa li l-UE u l-membri kollha tad-WTO jsaħħu l-iskambji tagħhom mal-partijiet ikkonċernati, inklużi s-soċjetà ċivili, l-organizzazzjonijiet tan-negozju u l-komunità tan-negozju usa'; jistieden lill-Kummissjoni tapprofondixxi l-kooperazzjoni tagħha mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti kollha bħall-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol, is-sistema tan-NU, il-G7, l-OECD, il-Bank Dinji u l-Fond Monetarju Internazzjonali, u jissottolinja r-rwol tagħhom fl-avvanz ta' sistema kummerċjali miftuħa u bbażata fuq ir-regoli;

101. Jilqa' l-kollaborazzjoni mill-qrib tad-WTO mad-WHO u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra bil-għan li jiżguraw li l-kummerċ ikollu rwol pożittiv fl-indirizzar tal-pandemija u l-kriżi sussegwenti, u fl-appoġġ tal-irkupru tal-ekonomija globali; jisħaq li l-pandemija tal-COVID-19 uriet li l-istituzzjonijiet internazzjonali tagħna għandhom nuqqasijiet; jistieden lill-Kummissjoni tesplora t-tagħlimiet meħuda mill-pandemija tal-COVID-19, u tinvolvi ruħha mas-sħab globali biex tindirizza dawn it-tagħlimiet fl-aġenda għar-riforma; jitlob li tiġi konkluża inizjattiva ambizzjuża fil-qasam tal-kummerċ u s-saħħa; jieħu nota tal-ambizzjonijiet tad-WTO li twessa' l-mandat tagħha sabiex tikseb rilevanza akbar fl-isfera pubblika permezz tal-involviment akbar tagħha dwar kwistjonijiet bħas-saħħa, is-sostenibbiltà, l-inugwaljanza fil-ġid, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-ġeneru u tan-nisa, f'konformità mal-SDGs u l-Ftehim ta' Pariġi; jemmen li dawn se jkunu passi importanti bħala parti mill-proċess ta' riforma tagħha, flimkien mal-funzjonijiet ewlenin tagħha li tistabbilixxi regoli kummerċjali multilaterali, tnaqqas l-ostakli għall-kummerċ u tipprovdi mezz għal soluzzjoni regolata tat-tilwim kummerċjali bejn il-membri tagħha;

L-Erbgħa 6 ta' Lulju 2022

102. Jistieden lill-Kunsill ikun aktar kuraġġuż fl-isforzi tiegħu biex jikkonkludi ftehimiet ta' kummerċ ħieles ma' pajjiżi terzi; jinnota li l-ftehimiet ta' kummerċ ħieles iżidu l-interazzjonijiet ekonomiċi u d-dipendenzi bejn il-pajjiżi, u għalhekk jistgħu jservu bħala prekursur għal impenn aktar attiv u ambizzjuż fil-livell multilaterali;

103. Jistieden lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà biex iqisu kif xieraq dan ir-rapport fid-definizzjoni tal-prijoritajiet tal-UE għas-77 Assemblea Ġenerali tan-NU, kif ukoll f'organizzazzjonijiet internazzjonali u fora multilaterali oħra;

o

o o

104. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kummissjoni, u, għal informazzjoni, lill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti u lis-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti.